MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Numru. 400/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**VITTORIO GAUCI**

**(ID: 747753M)**

**CARMEL GRECH**

**(ID: 00616457M)**

**LOUIS BUGEJA**

**(ID: 227485M)**

**EDWARD AZZOPARDI**

**(ID: 388679M)**

**MARY CHETCUTI**

**(ID: 0390966M)**

**ANTHONY CAUCHI**

**(ID: 255666M)**

**JOSEPH MARTIN CAMILLERI**

**(ID: 2012247P)**

**RAYMOND CHETCUTI**

**(ID: 251660M)**

**OMISSIS**

**OMISSIS**

**OMISSIS**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **VITTORIO GAUCI** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 747753(M), **CARMEL GRECH** detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 00616457(M), **LOUIS BUGEJA** detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 227485(M), **EDWARD AZZOPARDI** detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 388679(M), **MARY CHETCUTI** detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 0390966(M), **ANTHONY CAUCHI** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 255666(M), **JOSEPH MARTIN CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 2012247(P), **RAIMONDO CHETCUTI** detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 251660(M), OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS gew imressqa quddiemha u akkuzati talli nhar it-3 ta’ Mejju, 2008 ghall-habta ta-siegha u kwart (13.15hrs) u fil-gimghat ta’ qabel din id-data kif ukoll fix-xahrejn ta’ wara sat-23 ta’ Lulju, 2008, gewwa l-Kazin ‘Peace Band Club’, sitwat fi Pjazza Vittorja, Naxxar, f’isimhom propja u bhala korp jew ghaqda ta’ persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f’dik il-kariga:-

Ghamlu jew xjentement zammew jew kellhom ghandhom jew taht il-kontroll taghhom xi sustanza esploziva taht dawk ic-cirkostanzi illi

jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi huma ghamluha, zammewha jew kienet ghandhom ghll-hsieb mhux lecitu.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dahhlu f'Malta porvli tal-isparar, jew esplozivi ohra, inkella fethu jew zammew fabbriki tal-porvli jew xogholijiet tan-nar, inkella fabbriki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. Liema licenzja ma tigix moghtija kemm-il darba ma jittihdux il-prekawzjonijiet mehtiega ghall-harsien tal-hajja u tal-proprjeta'.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, zammew ghall-bejgh jew haznu porvli tal-isparar jew esplozivi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi bhala l-persuni responsabbli mill-Kazin Peace Band Club naqsu li jzommu l-osservanza tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni ta' Kazini.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratti mill-att tat-twelid tal-imputati kollha mmarkati bhala Dok. ET1, Dok. ET4, Dok. ET5, Dok. ET6, Dok. ET7, Dok. ET8 u Dok. ET10, il-karta tal-identita' tal-imputati kollha mmarkati bhala Dok. NS1 sa Dok. NS11 a fol. 30 u l-passaporti ta' Raymond Chetcuti, David Sammut, Ivan Gauci u Mary Chetcuti mmarkati bhala Dok. NS12 sa Dok. NS15 a fol. 31 tal-Process.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-atti a fol. 543 u rat li l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz

minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif stqarrew fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Frar, 2015.

Illi nhar id-19 ta' Mejju, 2008 xehed l-**Ispettur Nikolai Sant** u spjega illi fit-tnax (12) ta' Marzu, 2008 kien hemm spluzjoni gewwa n-Naxxar u dan proprju fi Triq Hal Dejf. Wara dan l-incident il-Pulizija rceviet diversi telefonati u nformazzjoni b'mod iehor fejn in-nies qalulhom li kien hemm diversi splussivi storjati f'postijiet differenti. Il-Pulizija wettqet diversi rejds f'diversi postijiet u fil-fatt instabu diversi affarijiet relatati man-nar u hemm numru ta' kazijiet li diga' gew decizi f'dan ir-rigward.

Nhar it-tlieta (3) ta' Mejju, 2008 ghall-habta tas-siegha fuq l-istess tip ta' nformazzjoni l-Pulizija wettqet tfittxija gewwa l-Peace Band Club, in-Naxxar, li jinsab fil-pjazza tan-Naxxar. Kienu hu flimkien mal-kollegi tieghu s-Surgent PS 38 Paul Zahra, il-Kuntistabbli PC 252 Steve Mallia u fil-prezenza tas-segretarju li gharfu bhala l-imputat u cioe' Vittorio Gauci u kif ukoll fil-presenza ta' Ivan Gauci li qieghed fil-kumitat. It-tfittxija saret fil-*basement* ta' dan l-istess Peace Band Club li jinfed ma' dan il-kazin u li tista' tghid illi jaghmel parti ma' dan il-kazin. Hemm zewg (2) entraturi. Wahda mill-entraturi tinsab fin-naha ta' barra mit-triq jigifieri Labour Avenue u hemm entratura ohra fit-triq ta' wara. Jghid ukoll li l-access ghal dan il-*basement* jista' jsir minn gol-kazin stess. Kif spjega huwa ghamel tfittxija f'dan il-basement u wara *cupboard* sabu speci ta' mohba. Dan il-*cupboard* kien qisu *cupboard* fejn tqieghed l-affarijiet fih, tipo xi materjal li jintuza minnhom stess. Ghall-ewwel ma setghux icaqilqu l-cupboard pero' sussegwentement is-Surgent irnexxielu jdawru b'tali mod li dar u raw speci ta' mohba. Kien hemm

kamra pjuttost zghira tista' tghid qisha madwar metru kwadru, jew metru u nofs kwadru. Din kienet gholja qisu ftit anqas minn sular u sabu diversi kaxxi u suspettaw mill-ewwel li kienu affarijiet relatati man-nar. Huma f'dan il-kaz staqsew lill-imputat Vittorio Gauci u lil Ivan Gauci, fejn qalulhom li ma kienux jafu x'kien hemm gewwa. Spjega li Vittorio Gauci huwa s-Segretarju ta' dan il-klabb waqt li Ivan Gauci huwa membru fil-kumitat. Ix-xhud tkellem personalment ma' Ivan Gauci u qallu "*Isma' jekk hawn xi haga ghidilna*", qallu: "*biex ma nwegghux*". Qallu: "*dawn huma affarijiet perikoluzi"* u wiegbu: "*jista' jkun, jista' jkun li jkun hemm xi affarijiet*."

F'dak il-hin l-Ispettur cempel mill-ewwel lil tal-EOD biex jigu fuq il-post u nforma lill-Magistrat tal-Ghassa li dakinhar kienet il-Magistrat Dr. Miriam Hayman fejn ordnat inkjesta fuq il-post. Dak il-hin cempel lill-kollega tieghu l-Ispettur Elton Taliana sabiex jassistih, fejn filfatt tela' fuq il-post u ra l-affarijiet ukoll. Kif mar Captain Curmi li huwa l-Fizzjal inkarigat mill-EOD, bdew johorgu l-affarijiet minn go din il-kamra. Kien hemm diversi kaxxi izda ma setghax jiftakar l-ammont ezatt, pero' jaf li kien hemm hafna kaxxi u kollha kienu mimlijin sa fuq. Dak il-hin Captain Curmi rrimarkalu li dawk kienu affarijiet perikoluzi u cioe' affarijiet relatati mal-loghob tan-nar u kien hemm minnhom kienu perikoluzi hafna tant li beda jaghmilhom apparti ghalihom.

Minn dak il-hin 'l hemm huwa ordna l-arrest ta' Vittorio Gauci u ta' Ivan Gauci. Qalilhom li qeghdin taht arrest, tahom id-debita' twissija u beda l-istharrig. Aktar il-quddiem kompla bl-investigazzjoni mal-membri tal-kumitat kollu. Huwa spjega li l-imputati huma Karm Grech bhala l-

President, Louis Bugeja huwa d-Direttur Zghazagh tal-kumitat, Edward Azzopardi hu l-Assistent Segretarju, Mary Chetcuti hija d-Direttrici nisa, Anthony Cauchi huwa d-delegat tal-banda tal-kumitat, Joseph Martin Camilleri huwa l-Kaxxier u Raymond Chetcuti qieghed fil-kumitat jirraprezenta l-NGO's. Dawn hadulhom stqarrija wara li nghataw it-twissija kollha kemm huma. Filfatt kollha rrilaxxaw stqarrija.

Id-dokument NSP1 hija stqarrija tas-Segretarju Vittorio Gauci. Din inghatat wara s-solitu twissija fil-prezenza tal-Ispettur Elton Taliana. Gharaf il-firma tieghu u l-firma tal-Ispettur Elton Taliana. Gharaf ukoll il-firma tas-Sur Vittorio Gauci li rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju wkoll.

Dok. NSP4 hija stqarrija tas-Sur Anthony Cauchi. Gharaf il-firma tieghu, il-firma tas-Sur Anthony Cauchi u l-firma tal-Ispettur Elton Taliana. Gharaf lil dik il-persuna fl-Awla. Din l-istqarrija nghatat b'mod volontarju wara d-debita twissija.

Dok. NSP5 hija stqarrija tas-Sur Joseph Martin Camilleri. Gharaf il-firma tieghu, il-firma tas-Sur Joseph Martin Camilleri u l-firma tal-Ispettur Elton Taliana fuq din l-istqarrija li nghatat wara li nghata d-debita twissija. Din l-istqarrija nghatat b'mod volontarju u gharaf lil Camilleri bhala wiehed mill-imputati fl-Awla.

Dok. NSP6 hija stqarrija tas-Sur Raymond Chetcuti. Gharaf il-firma tieghu, il-firma tas-Sur Raymond Chetcuti u l-firma tal-Ispettur Elton

Taliana. Din l-istqarrija nghatat b'mod volontarju wara d-debita twissija u gharaf lill-imputat fl-Awla.

Dok. NSP7 hija stqarrija tas-Sur Louis Bugeja. Gharaf il-firma tieghu, il-firma tas-Sur Louis Bugeja u l-firma tal-Ispettur Elton Taliana. Din l-istqarrija nghatat b'mod volontarju wara li nghata d-debita twissija u gharaf lill-imputat fl-Awla.

Dok. NSP9 hija stqarrija ta' Edward Azzopardi. Gharaf il-firma tieghu u l-firma tal-Ispettur Elton Taliana. F'dan il-kaz is-Sur Edward Azzopardi ma ffirmax wara li nghata d-debita twissija. Huwa gharaf l-imputat fl-Awla wkoll u din l-istqarrija giet rilaxxjata b'mod volontarju.

Dok. NSP10 hija stqarrija ta' Mary Chetcuti. Gharaf il-firma tieghu, il-firma tas-Sinjura Mary Chetcuti, tal-Ispettur Elton Taliana u ta' WPC 50 Oriana Spiteri. Din l-istqarrija nghatat b'mod volontarju wara li nghatat id-debita twissija. Huwa gharaf l-imputata prezenti fl-Awla.

Ikkonferma li mill-istharrig li ghamlu rrizulta li c-cavetta tal-*basement* kienet ghand David Sammut. Kien hemm kopja ghand Joseph Buhagiar u kopja ghand Ivan Gauci. Kellu wkoll kopja ohra Mark Agius li qieghed involut f'kaz iehor, peress li ma kienx jaf b'dan il-kumitat. Jghid ukoll illi David Sammut, Joseph Buhagiar, Ivan Gauci, Louis Bugeja u Carmel Grech ghandhom il-licenzja 'C' biex joperaw dan ix-xoghol tan-nar.

Illi nhar it-30 ta' Lulju, 2008 xehed l-**Ispettur Nikolai Sant** u l-passaport tal-imputat Carmel Grech bin-numru 533583 li gie esebit u mmarkat bhala Dok. SNS2. Esebixxa ukoll bhala Dok. SNS3 passaport tal-imputat Vittorio Gauci li ghandu n-numru 614734.

Illi nhar id-19 ta' Ottubru, 2010 xehed l**-Ispettur Nikolai Sant** u rrepeta dak kollu li kien qal fis-seduti precedenti ghalkemm forsi ta deskrizzjoni aktar dettaljata ta' dak li sab waqt is-search mizmum minnu fil-basement tal-kazin. Spjega illi gol-*basement* innota li kien hemm affarijiet li huma relatati mat-tizjin ghall-festa, apparat ta' hadid li jaf li jintuza ghall-armar tac-cigcifogu. Spjega li ra makkinarju li huwa simili ghall-makkinarju li jintuza biex wiehed ihawwad is-siment, spjega li kien hemm ukoll diversi oggetti bhal zebgha u anke bozoz u oggetti relatati max-xoghol tal-mastrudaxxa u affarijiet simili. Spjega illi l-*basement* kien ippakkjat bl-oggetti. Jiftakar li kien hemm ukoll raff li kellu xi oggetti fuqu. Imbaghad tant kien hemm affarijiet go dan il-*basement* li kellhom bicca xoghol biex ikunu jistghu jaghmlu *search*. Spjega illi gewwa l-*basement* minn dak li huwa ra li kien hemm, kien hemm makkinarju tan-nar tal-art. Kien makkinarju maghmul minn hadid u mill-injam. Spjega li fit-tfittxija tat-3 ta' Mejju, 2008 l-uniku splussivi li nstabu kienu gewwa l-mohba li kien hemm fil-*basement*.

Spjega illi mbaghad wara dakinhar hadd mill-kumitat ma seta' jaccedi ghal dan il-kazin u lanqas l-impjegati tal-kazin ma setghu jidhlu.

Illi nhar l-20 ta' Marzu, 2013 xehed l**-Ispettur Nikolai Sant** in kontro-ezami u kkonferma li dan il-kaz beda wara li kienet sehhet l-ispluzjoni

tat-tnax (12) ta’ Marzu, 2008 li sehhet f’residenza ta’ persuna privata, certu Paul Camilleri. Ikkonferma li fil-fatt din l-ispluzjoni sehhet f’residenza tieghu fin-Naxxar u li m’ghandha xejn mal-Peace Band Club li tinsab f’zona ohra tan-Naxxar. Mistoqsi jekk mill-investigazzjonijiet li ghamel hux minnu li fil-jum ta’ meta sehhet l-ispluzjoni fir-residenza privata ta’ dan Paul Camilleri, dan Paul Camilleri lanqas kien ghadu membru tal-Kumitat tal-Peace Band Club huwa wiegeb li fil-kumitat per se ma kienx pero’ kien jattendi fil-Peace Band Club u kien attiv fil-festa, armar u affarijiet tan-nar pero’ ikkonferma li ma kienx membru tal-kumitat tal-Peace Band Club. Jghid li minn dak li rrizultalu mill-investigazzjoni mizmuma minnu dan Camilleri kien jiehu hsieb xi affarijiet tan-nar, jigbor il-flus u jipprepara xi affarijiet. Mistoqsi minn fejn irrizultalu li dan kien jiehu hsieb in-nar ghan-nom tal-Peace Band Club huwa spjega li fl-interrogazzjonijiet li kienu ghamlu tal-imputati stess dawn kienu qalulhom hekk. Mistoqsi jekk hux qed jghid illi s-Sur Paul Camilleri kien b’xi mod kien awtorizzat mill-Kumitat tal-Peace Band Club sabiex jaghmel xi kollezzjonijiet jew xi gabriet ghan-nar jghid li dan ghandu jirrizulta fl-istqarrijiet tal-imputati. Jghid li meta kellmu lin-nies kemm l-imputati u kemm xi nies ohrajn dejjem qalulhom li l-persuna Paul Camilleri kien jigbor il-flus, jiehu hsieb anke fil-festa, fiz-zminijiet tal-festa kien wiehed mill-persuni li kien jiehu hsieb l-affarijiet tan-nar. Pero’ jekk kienx awtorizzat mill-Kumitat jew le dik ma hargitx.

Huwa qabel li Paul Camilleri kien persuna dilettant sew tan-nar. Mill-investigazzjonijiet tieghu rrizultalu li l-ispluzjoni tat-tnax (12) ta’ Marzu 2008 ma kellux x’jaqsam mal-festa tan-Naxxar u ma kienx hemm konnessjonijiet. Gie mistoqsi jekk irrizultalux li n-nar kien inhadem sabiex jiccelebra rebha potenzjali tal-Partit Laburista fl-elezzjoni tad-

disgha (9) ta' Marzu, tas-sena 2008 wiegeb li kien hemm suspett ragonevoli li seta' kien il-kaz. Mistoqsi jikkonferma jekk dan in-nar u spluzjoni li sar go Triq Hal Dghejf kellu x'jaqsam xejn mal-Peace Band Club jew mal-festa tan-Naxxar jghid li ma kellhiex u kien ghalhekk li fl-imputazzjoni li hu ta lill-imputati odjerni rabat il-gurnata tat-tlieta (3) ta' Mejju 2008 u l-gimghat ta' qabel u t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju 2008. Jigifieri hu eskluda l-kwistjoni tat-tnax (12) ta' Marzu 2008.

Jikkonferma wkoll li kien hemm persuna maghrufa bl-isem ta' Ivan flimkien mal-imputat Vittorio Gauci li fethu l-armarju fejn warajh sabu l-mohba ta' splussivi izda meta dawn gew mistoqsija dwar din is-sejba t-tnejn li huma qalu li ma kienu jafu xejn dwar il-mohba. Jghid ukoll li lil Ivan staqsieh personalment jekk kien hemm xi haga perikoluza sabiex ma jweggghux u li l-materja kienet kwistjoni ta' periklu u Ivan qallu jista' jkun li jkun hemm xi affarijiet. Ikkonferma li meta staqsew lil Vittorio u lil Ivan dwar x'seta' kien hemm wara l-armarju qalulhom li ma kinux jafu x'kien hemm. Ix-xhud spjega li jekk jiftakar sewwa Vittorio kien qalilhom li ma tantx kien jersaq lejn il-*basement* u ma tantx kien dilettant ta' dak l-armar u affarijiet hekk. Iktar bhala Segretarju pero' f'affarijiet bhall-mahzen u hekk ma tantx kellu *know how*, jekk jiftakar sew kien qallu li nizel forsi xi darbtejn, tlieta. Ikkonferma li Vittorio Gauci, Raymond Chetcuti u martu Mary u l-assistent Segretarju Edward Azzopardi kollha kemm huma essenzjalment spjegawlu x'kien l-involviment individwali taghhom fil-kumitat u dan jirrizulta mill-istqarrijiet. Ikkonferma wkoll li Mary Chetcuti, Raymond Chetcuti, Edward Azzopardi u Vittorio Gauci kollha qalulu illi huma ma kienux konxji mill-prezenza ta' xi nar fil-kazin u tabilhaqq qalulu wkoll illi kieku kienu konxji minn xi nar lanqas huma ma kienu jmorru lejn dan il-kazin

ghaliex kienet xi haga illi ghalihom hija perikoluza. Huwa spjega li ma kellu l-ebda prova li qieghda tikkontradixxi dak li qalu Raymond Chetcuti, Mary Chetcuti, Edward Azzopardi u Vittorio Gauci u cioe' li huma ma kienux konxji tal-prezenza ta' xi oggetti lleciti fil-*basement* tal-kazin jew fil-kazin.

Gie mistoqsi jekk hux minnu li s-Sinjuri Gauci, Azzopardi u l-konjugi Chetcuti qalulu illi lanqas cavetta tal-basement effettivament ma kellhom jghid li iva u prova sabiex tikkontradixxi dak li qalu u li ma kellhomx access ghall-*basement* ma kellux. Ix-xhud ikkonferma dejjem in kontro-ezami li l-konjugi Chetcuti, Edward Azzopardi u Vittorio Gauci apparti illi qalulu illi huma m'ghandhomx cavetta sabiex jinzlu f'dan il-*basement* qalulu wkoll illi huma lanqas jaccedu ghal dan il-*basement*. Jghid dawn in-nies gew akkuzati biss peress li jifformaw parti mill-Kumitat, lanqas licenzji tan-nar ma kellhom.

Mistoqsi mid-difiza jekk l-patrocinati ta' Dr. Giglio kellhomx xi konsapevolezza min-naha taghhom diretta jew indiretta ta' prezenza ta' xi haga llecita fi hdan il-kazin u x-xhud spjega li dejjem ikkonfermaw li ma kienux jafu dwar il-hazna u huwa sodisfatt b'din l-ispjegazzjoni li tawh. Huwa spjega li l-irwol ta' Mary Chetcuti fil-kazin tal-banda kienet qieghda fil-kumitat tiehu hsieb is-sezzjoni tan-nisa u torganizza attivitajiet etc. Stqarr li huma huma dejjem staqsewhom x'inhi l-irwol taghhom. Id-difiza staqsietu jekk per ezempju l-Peace Band Club ghandu sotto kumitati fosthom sotto kumitat tan-nisa u jekk il-persuna li tkun fuq is-sotto kumitat tan-nisa hiex ex-ufficcio membru tal-Kumitat tal-Peace Band Club, jghid li ma dahalx f'din il-materja ma dahalx

daqshekk fil-fond. Mistoqsi jekk irrizultalux jekk fis-sotto kumitat li jiehu hsieb ir-relazzjonijiet bejn il-Peace Band Club u l-NGO's hemmx persuna li hija allura *ex ufficcio* membru fil-kumitat tal-Peace Band Club spjega li ma dahalx daqshekk fid-dettal. Mistoqsi mid-difiza jekk hux konxju li dan ir-rwol per ezempju ta' *ex ufficcio member* huwa fil-fatt ir-rwol ta' Raymond Chetcuti wiegeb li ma jafx.

Mistoqsi jekk jirrizultalux li Edward Azzopardi huwa l-persuna li kien gie nkarigat sabiex jiehu hsieb il-minuti tal-laqghat li kien inkarigat sabiex jorganizza ghal darb'ohra jghid li ma dahalx fiha din il-kwistjoni jew mhux daqstant. Spjega illi fin-Naxxar hemm izjed minn kazin tal-banda wiehed, hemm il-Victory Band Club u hemm il-Peace Band Club u spjega illi t-tnejn li huma bhala kazini jippartecipaw fl-organizzazzjoni tal-festa tan-Naxxar u li dan jaghmluh ukoll safejn jistghu b'djalogu u konsultazzjonijiet mal-Arcipriet tan-Naxxar u gieli huma stess qua pulizija organizzaw *meetings* mal-entitajiet kollha. Mistoqsi meta huma jorganizzaw *meetings* mal-entitajiet kollha nkwantu li jirrigwardja l-Peace Band Club huma fuq xiex ikellmuhom spjega li kienu jkellmuhom rigward hruq ta' nar, marcijiet u affarijiet ta' buon ordni. Id-difiza stqarret jekk hux minnu li hemm sotto kumitat li jiehu hsieb l-armar u ma hemmx sotto kumitati li jiehu hsieb il-hrug tan-nar jghid li hekk hu. Id-difiza staqsiet jekk f'Mejju, 2008 kienx hemm sotto-kumitat tal-Peace Band Club li ghandu x'jaqsam man-nar u x-xhud spjega li kien hemm biss fuq l-armar. Mistoqsi jekk dahlux dwar x'inhu l-irwol ta' dan is-sotto-kumitat tal-armar ix-xhud spjega li l-kumitat tal-armar m'ghandux x'jaqsam ma' nar, izda fuq kwistjonijiet ta' kostumi u affarijiet minn dawn. Mistoqsi jekk il-funzjoni tas-sotto-kumitat tal-armar ghandux x'jaqsam fl-ilbies tal-faccati tal-knejjes, fl-ilbies tal-faccati tal-kazini u

dwal fit-toroq, ix-xhud wiegeb iva. Mistoqsi jekk kellimx lill-Arcipriet f'din l-investigazzjoni wiegeb li ma jidhirlux. Mistoqsi jekk huwiex konxju minn korrispondenza li giet skambjata mill-kumitat tal-Peace Band Club u l-Arcipriet proprju sabiex huma ma jkollhom x'jaqsmu xejn mal-kwistjoni tan-nar u tal-hruq tan-nar u jekk dahalx fiha hu jghid li seta' kien il-kaz li sabu xi dokumentazzjoni f'xi tfittxija li ghamlu. Mistoqsi fejn qieghda din id-dokumentazzjoni jekk sabuha wiegeb illi jekk sabu d-dokumentazzjoni din giet esebita fl-atti jew fl-inkjesta li giet inkluza.

Mistoqsi jekk din id-dokumentazzjoni li qed jirreferi ghaliha fejn il-Peace Band Club qieghda tikkomunika mal-Arcipriet biex tispjegalu li m'ghandiex x'taqsam xejn man-nar u mal-kwistjoni tal-hruq tan-nar gietx a konoxxenza tieghu wara li ressaq dawn il-persuni fil-hamsa (5) ta' Mejju 2008 spjega li ma jafx jghid meta nstabet bl-amment. Ix-xhud rega' kkonferma li Mark Agius kien wiehed mill-persuni li kellu cavetta ta' dan il-post fost nies ohra. Stqarr li l-pulizija ezekuttiva ssitwiet zewg proceduri in konnessjoni ma' dan il-kaz u cioe' l-kaz odjern kontra l-kumitat kollu u process separat kontra Mark Agius.

Ikkonferma li Joseph Buhagiar huwa bandist mal-Peace Band. Mistoqsi jekk il-post fejn instabu dawn l-isplussivi kienx hemm *ground fire works* biss jghid li jekk mhux sejjer zball hekk kienu pero' kien hemm ukoll xi affarijiet tal-ajru. Xoghol li jkun licenzjat taht il-Legal Notice li tirregola xoghol pirotekniku. Ikkonferma li ma kienx qed jitkellem fuq splussivi ta' kwalita' jew xorta li normalment wiehed jassocjahom ma' xi reati kriminali izda fuq xoghol marbut mal-festa. Mistoqsi jekk l-access ghal

dan il-*basement* tal-kazin Peace Band Club huwiex biss mit-triq jew anke hemm access internament, ix-xhud spjega li kien hemm access kemm minn barra kif ukoll minn gewwa. Jghid li dakinhar li mar jaghmel is-*search* fit-tnejn (2) jew fit-tlieta (3) ta' Mejju 2008 huwa acceda fil-post mit-triq pubblika ghal go dak il-bieb il-kbir li hemm fejn il-banka tal-lottu u nizel isfel. Mistoqsi jekk bhala post u ambjent kif tinzel kienx vojt jew mimli b'hafna affarijiet huwa spjega li l-post kien mimli b'hafna affarijiet. Huwa spjega li kien hemm affarijiet goffi, bozoz, injam, kartun u anke hadid u li biex jingarru hemm bzonn hafna nies. Jekk mhux sejjer zball kien hemm affarijiet relatati ma' xoghol tal-hadid. Mistoqsi jekk f'dan il-*basement* wiehed jaghtik x'tinduci li ssir diversi attivita' jghid li dan il-*basement* ma kienx post abbandunat. Mistoqsi jekk il-post fejn instabu dawn l-affarijiet kienx miftuh ghall-pubbliku jghid li fejn kienet instabet il-hazna kienet wara armarju li ma kienx accessibbli u pjuttost mohbi. Irrepeta li kien hemm kamrin tip ta' xaft zghir qisu metru, metru u nofs kwadru u madwar sular jew ftit inqas bhala gholi. Huwa spjega li dan l-armarju jaghlaq il-fetha kompletament pero' mbaghad meta' tidhol fiha hija iktar gholja u minn barra ma tindunax x'hemm u m'hemmx. Huwa spjega li jekk mhux sejjer zball kien hemm xi bottijiet taz-zebgha f'dan l-armarju u biex tasal ghalih dan il-post trid taqbez certu affarijiet u dejjaq hafna. Huwa spjega li ma jiftakarx jekk meta gie ffotografat il-post meta ghamlu tfittxija dawn l-oggetti l-kbar gewx iffototgrafati mill-esperti tal-inkjesta.

Illi nhar id-19 ta' Mejju, 2008 xehed l-**Ispettur Kevin Farrugia** u esebixxa Dok. KFP1 li hija stqarrija tal-imputat Carmel Grech u li gharfu bhala wiehed mill-imputati prezenti fl-Awla. Ikkonferma illi l-imputat inghata twissija skond il-ligi u rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju. Huwa

gharaf il-firma tieghu, dik tas-Supretendent Neville Aquilina, kif ukoll tal-istess imputat Carmel Grech li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem gharafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija li giet esebita bhala Dok. KFP1. Spjega wkoll li mill-investigazzjonijiet li kien qieghed jaghmel jirrizulta li prezentement l-imputat Carmel Grech huwa l-president tal-Kazin Peace kif ukoll ghandu l-licenzja ‘C’ fil-piroteknika.

In kontro-ezami gie mistoqsi li jekk allura l-fatt li l-imsemmi imputat Carmel Grech ghandu licenzja ‘C’ teskludiex il-manifattura, huwa wiegeb li peress li ma rax il-kundizzjonijiet tal-licenzja huwa mhux f’pozizzjoni li jirrispondi. Xtaq izid jghid illi fil-fatt tharrket persuna appozita biex dina tkun tista’ taghti l-ispjegazzjoni tal-kontenut tal-licenzja ‘C’.

Illi nhar id-19 ta’ Mejju, 2008 xehed l-**Ispettur Elton Taliana** u spjega li fit-tnax (12) ta’ Marzu, 2008 kienet sehhet spluzjoni fi Triq Hal Dejf, in-Naxxar u hu u l-kollegi tieghu kienu telghu fuq il-post. Jghid li sussegwentement wara din l-ispluzjoni huma bdew il-hidma taghhom biex jaraw x’gara u min kien konness.

Irrizulta illi Pawlu Camilleri l-mejjet f’din l-ispluzjoni kien jew seta’ kien membru jew kellu xi assocjazzjoni mal-Peace Band Club u ghaldaqstant kien ordna li ssir tfittxija fl-istess Peace Band Club dakinhar stess, jigfieri fit-tnax (12) ta’ Marzu 2008. Dakinhar irrizulta illi ma sabu l-ebda splussiv jew materjal konness mal-piroteknika. Pero’ l-investigazzjonijiet tal-Pulizija baqghu ghaddejjin ma waqfu qatt. Infatti huma kienu kellmu lis-Segretarju Victor Gauci fil-hdax (11) ta’ April, 2008 fejn dan kienu

diga' hadulu stqarrija, fejn apparti din l-istqarrija kienu fehmuh x'inhuma l-obbligi tieghu u x'ghandu jkun jaf dwar l-istess Peace Band Club li taghha huwa jigi s-Segretarju. Esebixxa l-istqarrija ta Vittorio Gauci li giet immarkata bhala Dok. ETP1, liema Victor Gauci huwa gharfu prezenti bhala wiehed mill-imputati fl-Awla. Irrilaxxa stqarrija b'mod volontarju wara d-debita twissija u fuqha gharaf il-firma tieghu u l-firma ta' Charles De Battista Kuntistabbli PC 940.

Sadanittant spjega li s-Socjeta' Filarmonika Peace Band Club kienet harget stqarrija fil-gazzetta n-Nazzjon fit-tmintax (18) ta' Marzu 2008, illi fiha kitbet illi hi ma ghandha l-ebda konness ma' dawn it-tip ta' murtali jew xi loghob iehor tan-nar. Esebixxa wkoll dan id-dokument bhala ETP2.

Mill-investigazzjonijiet li komplew jaghmlu, ix-xhud personalment kien ha xi dokumenti wkoll minghand is-Segretarju Victor Gauci u materjal iehor li kienu gabru minn diversi postijiet ohra, sabu illi l-Peace Band Club kull sena johrog il-*magazine* taghha u nfatti ghandu mis-sena elfejn u tlieta (2003) sas-sena elfejn u sebgha (2007) li ripetutament go kull *magazine* dawn jaghmlu l-programm tal-festa u meta ha jinharaq in-nar taghhom, bid-dati u l-flus li huma dejjem jigbru biex huma jkunu jistghu jkollhom loghob tan-nar tal-art u kif ukoll loghob tan-nar tal-ajru. Esebixxa wkoll dawn id-dokumenti tal-Peace Band Club mill-elfejn u tlieta (2003) sal-elfejn u seba' (2007) liema dokumenti gew markati bhala Dok. ETP3.

Sabu wkoll ritratti ta’ persuna partikulari li qieghda fil-kumitat. Apparti minn hekk din il-persuna ghandha c-cavetta ta’ fejn instabu dawn il-materjal splussiv u jidher prezenti waqt li kien qed jintrama x-xoghol tal-art kif ukoll ix-xoghol tal-ajru wara li qieghed spustjat. Jidher fil-*background* bandiera tal-Peace Band Club u illi ghandhom it-tabelli kollha illi jidhru dawn illi huma materjal splussiv li jinharaq fil-festa min-naha tal-Peace Band Club. Esebixxa dan id-dokument bhala Dok. ETP4.

L-ewwel ritratt illi juri l-murtali tal-ajru li huwa mmarkat bhala Dok. ETP4 u l-armar ghac-cikcivogu mmarkat bhala Dok. ETP5. Sadanittant fit-tlieta (3) ta’ Mejju, 2008 kien gie nfurmat mill-kollega tieghu ghall-habta tas-saghtejn u nofs (2:30) ta’ wara nofs inhar illi x’aktarx li kien instab xi splussiv gewwa l-Peace Band Club. Huwa mar immedjatament fuq il-post fejn hemmhekk dahal u ra b’ghajnejh dan il-materjal. Iccekkja u ra li kien hemm kamra fejn kienu qeghdin merfughin dawn l-isplussivi u ta’ min jinnota illi din il-kamra kienet miksija kollha bil-*jablo* u *tape* li jidher li dan l-isplussiv ma kienx xi haga temporanju pero’ kienet xi haga permanenti ghaliex il-kamra kienet mahsuba sabiex dan l-isplussiv ikun ippustjat hekk. Prezenti hemmhekk fuq il-post kien hemm diga’ l-Ispettur kollega tieghu s-Sur Nikolai Sant kif ukoll is-Surgent PS 38 Paul Zahra flimkien mas-Segretarju Victor Gauci u Ivan Gauci. Kien hemm ukoll membri tal-EOD li hargu dan il-materjal. Huma hadu dan l-isplussiv biex ikunu jistghu jerfghu minnu u dak li kien perikoluz setghu jiddisponu minnu wkoll. Sussegwentement wara dan kollu huma kellhom jaghmlu l-arresti u fl-istess hin hadu diversi stqarrijiet. Gie muri l-istqarrijiet illi kienu hadu tal-imputati li kienu hadu fl-Ghassa tan-Naxxar hu u l-kollega tieghu l-Ispettur Nikolai Sant.

Ix-xhud spjega li Dok. NSP4 hija stqarrija ta’ Anthony Cauchi li nghatat b’mod volontarju wara li nghatat id-debita twissija u wara li gharfu gewwa l-Awla bhala wiehed mill-imputati u gharaf ukoll il-firma tieghu, il-firma ta’ Anthony Cauchi u ta’ l-Ispettur Nikolai Sant.

Dok. NSP5 hija stqarrija ta’ Joseph Martin Camilleri illi din inghatat b’mod volontarju wara li nghata d-debita twissija u gharfu bhala wiehed mill-imputati gewwa l-Awla u gharaf ukoll il-firma tieghu, il-firma ta’ Joseph Martin Camilleri u tal-Ispettur Nikolai Sant.

Dok. NSP6 hija stqarrija ta’ Raymond Camilleri illi din inghatat b’mod volontarju wara li nghatat id-debita twissija u gharaf lill-imputat bhala wiehed mill-imputati gewwa l-Awla u gharaf ukoll il-firma tieghu, il-firma tas-Sur Raymond Camilleri u dik ta’ l-Ispettur Nikolai Sant.

Dok. NSP7 hija stqarrija ta’ Louis Bugeja illi din inghatat b’mod volontarju wara li inghata d-debita twissija u gharaf lil Louis Bugeja bhala wiehed mill-imputati gewwa l-Awla. Gharaf ukoll il-firma tieghu, il-firma tas-Sur Louis Bugeja u dik ta’ l-Ispettur Nikolai Sant.

Dok. NSP9 hija stqarrija ta’ Edward Azzopardi li nghatat b’mod volontarju wara li nghata d-debita twissija u gharfu gewwa l-Awla bhala wiehed mill-imputati u gharaf ukoll il-firma tieghu, il-firma tal-Ispettur

Nikolai Sant u jghid li f'dan il-kaz Edward Azzopardi ghazel illi ma jiffirmax din l-istqarrija.

Dok. NSP10 hija stqarrija ta' Mary Chetcuti illi din inghatat b'mod volontarju wara li nghatat id-debita twissija u waqt li gharafha gewwa l-Awla bhala wahda mill-imputati, gharaf ukoll il-firma tieghu, il-firma tal-Ispettur Nikolai Sant, il-firma tal-Kuntistabbli Oriana Spiteri WPC 50 u dik ta' Mary Chetcuti.

Illi nhar is-27 ta' Frar, 2009 rega' xehed l-**Ispettur Elton Taliana** u spjega li qieghed jesebixxi vera kopja tal-istatut ta' Peace Band Club liema dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok NTS 1. Spjega illi dan id-dokument li huwa vera kopja tal-original gie prezentat lill-Pulizija u li din il-kopja li qieghed jesebixxi ghandha mankanti bhall-original is-segwenti pagni 2 u 3, 6 u 7, 42 u 43.  Ikkonferma wkoll li din hija vera kopja tal-original li ghandha fil-pussess taghha mill-Pulizija liema original kien gie depozitat mill-imputat Vittorio Gauci flimkien ma' applikazzjoni tat-tigdid u spjega illi l-original fih l-istess pagni mankanti tal-kopja li ghadu kif esebixxa hu.

Illi nhar id-19 ta' Mejju, 2008 xehdet **WPC 50 Oriana Spiteri** u giet murija d-dokument Dok. NSP10 ikkonfermat li hija l-istqarrija tal-imputata Mary Chetcuti. Ikkonfermat li hija kienet prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija. Ikkonfermat li l-imputata li qieghda taghrafha prezenti fl-Awla nghatat twissija skond il-ligi u rrilaxxat din l-istqarrija b'mod volontarju. Gharfet il-firma tal-Ispettur Nikolai Sant, tal-Ispettur Elton Taliana, taghha kif ukoll dik ta' l-imputata Mary Chetcuti li ghazlet

li tiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem tarafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

Illi nhar id-19 ta' Mejju, 2008 xehed **PS 38 Paul Zahra** u spjega li fit-tlieta (3) ta' Mejju 2008 ghall-habta tas-siegha u kwart (1:15) dahlet telefonata anonima l-Ghassa tan-Naxxar fejn il-pulizija giet infurmata li mill-Peace Band li jinsab fil-pjazza tan-Naxxar, kien ser jingarr materjal splussiv jew kontenut ta' splussiv u li kien qieghed fil-kantina ta' l-istess kazin. Huwa kien kellem lill-ispettur fejn kien qallu biex jitla' jaghmel spezzjoni mieghu. Mar il-kazin tal-Peace u hemmhekk kellem lis-Segretarju, Victor Gauci fejn qallu li kien ser jaghmel spezzjoni fil-kantina. Huwa kien infurmah li cavetta tal-kantina ma kellux u li kien hemm erba' persuni li kellhom dawn ic-cwievet, li kienu Mark Agius, Ivan Gauci, David Sammut u Joseph Buhagiar u kien ser jikkuntattja lil xi hadd minnhom biex ikun jista' jmur jifthilhom. Fil-fatt ftit tal-hin wara, kien tfacca Ivan Gauci, fejn fethu l-mahzen fil-kantina u nizlu jaghmlu tfittxija.

Waqt li kienet qed issir din it-tfittxija, hu kien innota *cupboard* ma' hajt, fejn fil-genb kellu xi tikhil li kien differenti mill-kumplament tal-hajt. Beda jiccekkja dan il-*cupboard* fejn ipprova jressqu 'l barra pero' kien tqil u meta fethu kien kwazi vojt. U kien jidher li minkejja kien qisu ngastat mal-hajt, minn gewwa ma kellu xejn. Iccekjalu l-gnub u min naha tax-xellug kien ralu bicctejn hadida fuq wara li nduna li kienu qishom cappetti bil-maqlub. Dahhal idu min naha l-ohra li kien jigi mal-hajt u dan il-*cupboard* dar lejn in-naha tax-xellug u warajh kien hemm bieb zghir li kien jaghti qisu go kamra, qisha sitta (6) b'erba (4) li kien

fiha kwantita’ ta’ boroz u kaxxi. Kien jidher ukoll li fil-wicc kienu jidhru xi suffarelli u ghalhekk huwa ssuspetta illi l-materjal li kien hemm seta’ kien materjal splussiv u li seta’ kien illegali.

Minnufih, huwa nforma lill-Ispettur Sant fejn gie fuq il-post u minn hemmhekk kompliet ghaddejja l-investigazzjoni min-naha tal-Ispettur. Huwa pprova jara jekk kienx hemm il-viti mal-hajt u dak il-hin raw qishom *hinges* minn wara. Ikkonferma illi x’hin infetah il-*cupboard* l-Ispettur Sant kien prezenti.

It-tfittxija kienet saret fil-prezenza tas-segretarju tal-kazin, Victor Gauci u kien prezenti wkoll dak il-hin Ivan Gauci li qieghed jaghrafhom bhala tnejn mill-imputati fl-awla. Esebixxa kopja tal-okkorrenza mehuda minnu li giet immarkata bhala Dok. PZP1.

Illi nhar id-19 ta’ Mejju, 2008 xehed l**-Ispettur Nikolai Sant** u esebixxa bhala Dok. SPN1 vera kopja tal-fedina penali tal-imputat Vittorio Gauci. Esebixxa bhala Dok. SPN5 fedina penali tal-imputat Raymond Chetcuti. Esebixxa bhala Dok. SPN6 fedina penali tal-imputat Joseph Martin Camilleri. Esebixxa bhala Dok. SPN7 fedina penali tal-imputat Carmel Grech. Esebixxa bhala Dok. SPN8 fedina penali tal-imputat Louis Bugeja. Esebixxa vera kopja tal-fedina penali ta’ Anthony Cauchi bhala Dok. SPN9. Esebixxa wkoll il-fedina penali tal-imputata Mary Chetcuti bhala Dok. SPN10. Esebixxa wkoll bhala Dok. SPN11 fedina penali tal-imputat Edward Azzopardi. Esebixxa bhala Dok. SPN12 il-passaport tal-imputat Joseph Martin Camilleri. Esebixxa ukoll bhala Dok. SPN13 *lock* tal-bieb tal-*basement* tal-Peace Band Club, liema *lock* huma kellhom jibdluh. Il-

*lock* li qed jesebixxi huwa l-*lock* originali li kien hemm fuq il-post. Dan huwa l-*lock* tal-*basement* li wiehed imbaghad jista' jghaddi biex isib iz-zona fejn jinstabu l-oggetti.

Spjega wkoll li kien hemm access iehor ghall-basement pero' ghar-rigward ta' dan l-access l-iehor kien hemm *gate* u hemmhekk kellhom jibdlu l-*padlock*. Esebixxa bhala Dok. SPN14 ic-cavetta li nstabet fil-pussess ta' Ivan Gauci illi din ic-cavetta hija c-cavetta li tiftah il-*lock* li hu esebixxa bhala Dok. SPN13. Esebixxa bhala Dok. SPN15 cavetta li taghti wkoll ghall-*basement*, li l-*lock* taghha esebih bhala Dok. SPN13 u li din kienet fil-pussess ta' Joseph Buhagiar.

Illi nhar il-15 ta' Dicembru, 2008 xehed l-**Ispettur Nikolai Sant** u esebixxa bhala Dok. SMJ1 kopja tal-istatut tal-Peace Band Club li dan kien gie mghoddi fis-seduta generali tal-istess Band Club fis-sbatax (17) u wiehed u tletin (31) ta' Jannar u erbatax (14) ta' Frar, tas-sena 1954. Rigwardanti referenza ghal dan id-dokument li esebixxa taht it-testatura disposizzjonijiet generali hemm referenza ghall-punt disgha u sebghin (79) u kkwota dana d-disposizzjoni: "*Ma jistax jinzamm gewwa l-kazin loghob tal-azzard jew kull xorta ta' loghob iehor li mhux permess mil-ligi. Kull socju li jkun jilghab kull xorta ta' loghob ghandu dejjem ihallas id-dritt tal-kaxxa skond kif jigi fissat mill-Kumitat*".

Illi nhar l-24 ta' Gunju, 2008 xehdet **Marica Mifsud** u esebiet vera kopja fotostatika ta' Proces Verbal, redatt mill-Magistrat inkwirenti Dr. Miriam Hayman fl-inkjesta ta' sejba ta' ammont ta' splussivi u loghob tan-nar fil-kazin Peace Band Club, Naxxar nhar it-tlieta (3) ta' Mejju,

elfejn u tmienja (2008). Dina l-vera kopja tal-imsemmija Proces Verbal giet esebita u mmarkata bhala Dok. MME1.

Illi nhar l-24 ta' Gunju, 2008 xehed il**-Perit Richard Aquilina** u spjega li qed jesebixxi kopja vera tar-relazzjoni tieghu li huwa esebixxa fl-inkjesta dwar sejba ta' materjal splussiv gol-Peace Band Club, Victoria Square, Naxxar. Spjega illi l-original ta' din ir-relazzjoni tieghu, huwa esebih f'kawza ohra u precizament fil-kawza bl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Mark Agius'**. Spjega wkoll illi dina l-kopja vera tar-relazzjoni tieghu qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok. RA1, u ddikjara illi huwa fedelment u onestament qieghda l-karigu moghti lilu, u m'ghandux x'izid jew inaqqas mar-relazzjoni tieghu.

Mistoqsi in kontro ezami kif kien l-ispazju fejn kien instab il-materjal jghid li dan kien jikkonsisti f'kamra zghira hafna, formanti parti minn spjazju kbir li kien qieghed kompletament fis-sotterran u l-access tieghu kien b'bicca mobbli gholja. Spjega illi meta dina l-bicca mobbli kienet iccaqalqet l-ewwel darba huwa ma kienx prezenti. Spjega illi fil-kaz tad-dahla li sejhilha speci ta' mohba, id-dahla taghha kienet mghottija b'dina l-mobbli. Allura wiehed ma jkunx jista' jara dak li qed isejjah bhala dahla ghal dina l-mohba.

Illi nhar l-24 ta' Gunju, 2008 xehed **PC 252 Stephen Mallia** u spjega illi fit-tlieta (3) ta' Mejju, 2008 huwa kien qieghed xoghol wara nofsinhar, mis-siegha ta' wara nofsinhar (13:00hrs) sal-ghaxra ta' bil-lejl (22:00hrs) gewwa l-Ghassa tan-Naxxar, fejn ghall-habta ta' xi s-siegha u kwart ta' wara nofsinhar (13:15hrs) dahlet telefonata anonima. Spjega li t-

telefonata ma kienx irceviha hu, pero' milli seta' jifhem din kienet vuci femminili, fejn din taghthom informazzjoni illi fil-kazin tal-banda Peace tan-Naxxar li jinsab fil-pjazza, kien sejjer jingarr xi materjal tan-nar, jew hemm mahzun materjal tan-nar fl-istess kazin. Huwa flimkien ma' PS 38 marru fuq il-post fejn huma dahlu gewwa l-kazin u staqsew ghas-segretarju. Wara xi hin, wara li gie s-segretarju maghhom nizlu isfel. Spjega li huma bdew ifittxu isfel. Hawnhekk xtaq jirrimarka li isfel huwa kbir hafna, huma kellhom indikazzjonijiet ghall-*area* partikulari li kien gie ndikat lilhom permezz tat-telefonata anonima, fejn intqal li kien hemm speci ta' *cupboard* u li warajh kien hemm xi haga mohbija.

Wara li damu jduru gewwa l-post is-surgent mar ifittex fejn kien hemm *cupboard* partikulari u min-naha ta' fuq induna li kien hemm cappetta li tindika li dan il-*cupboard* kien jinfetah. Spjega li s-Surgent imbaghad gibed il-*cupboard*. Kien hemm dahla li taghti ghall-kamra zghira.

Fil-kamra kien hemm hafna kaxxi tal-kartun. Spjega illi f'dan l-istanti l-Ispettur Nikolai Sant kien diga' wasal fuq il-post u mbaghad huwa hareg barra biex jaghlaq l-*area*. Spjega illi apparti illi maghhom kien nizel is-Segretarju huma kienu sabu persuna isfel. Dan kien ragel li jafu bl-isem ta' Ivan Gauci.

Huwa ha l-impressjoni minn kif kien qieghed posizzjonat dan il-*cupboard* li dan kien qieghed hemmhekk biex jahbi xi haga. Spjega illi meta wiehed iressaq il-*cupboard* isib dahla zghira li taghti ghal kamra zghira. Spjega illi huwa sema' lill-Ispettur Nikolai Sant u dana qalha ghal darba, darbtejn kemm lis-Segretarju li kien hemm prezenti kif ukoll lil

Ivan Gauci, jekk kienx hemm xi haga wara l-*cupboard* biex jghidilhom. Pero’ dawn irrispondew ripetutament illi ma kien hemm xejn.

In kontro-ezami x-xhud gie mistoqsi jekk Ivan Gauci kienx gja isfel meta wasal fuq il-post jew jekk kinux il-pulizija li sejhulu biex jinzel maghhom isfel wiegeb li l-impressjoni li ghandu hu li Gauci kien gja isfel. Spjega li meta wiehed jidhol fil-kazin, fuq ix-xellug hemm bieb illi kien qieghed isir xi xoghol fuqu li jaghti ghal isfel u dakinhar accedew ghal isfel minn hemmhekk. Spjega wkoll illi hemm entratura ohra ghal isfel li qieghda minn barra u li tikkonsisti f’bieb kbir. Gie mitlub mill-imsemmi avukat difensur biex jispecifika ezattament x’kienet ir-risposta tas-segretarju u ta’ Ivan Gauci fuq id-domandi li ripetutament ghamel l-Ispettur Nikolai Sant lilhom meta kienu qeghdin isfel u cioe’ jekk kienx hemm xi haga wara dan l-armarju, wiegeb illi l-kliem ezatt x’qalu seta’ kien illi: “*Ma nafx jekk hemmx xi haga*”, jew xi haga f’dak is-sens.

Spjega illi huma bhala stat ta’ fatt ghamlu tfittxija fil-post kollu. Pero’ huma kellhom indikazzjoni biex ifittxu fl-*area* fejn hemm speci ta’ armarju kbir.

In kontro-ezami spjega li meta huma marru fuq il-post hu u s-Surgent l-ewwel darba marru isfel wara li kienu dahlu mill-bieb ta’ gewwa. Ikkonferma li l-ewwel darba li nizlu isfel biex jaghmlu s-*search* kienu dahlu mill-bieb ta’ gewwa l-kazin. Spjega li huwa lanqas jiftakar kemm-il darba dahal u hareg gewwa dan s-sotterran u cioe’ l-mahzen isfel. Huwa beda diehel u hiereg mill-bieb ta’ Labour Avenue.

Spjega li l-ewwel darba li dahal gewwa l-kazin huwa kien dahal mill-bieb principali u mbaghad ghandu l-impressjoni illi nizlu isfel gewwa l-mahzen mill-bieb intern li hemm tal-kazin. Spjega illi jekk jiftakar sew, kien hemm tarag li wiehed jista' jaccedi mill-parti nterna tal-kazin ghal gos-sotterran. Huwa ghalih kien tarag normali qisu bhat-tarag normali gewwa l-flettijiet. Li jiftakar hu li damu jistennew lis-Segretarju biex igib ic-cavetta halli jkunu jistghu jinzlu isfel.

Gie mistoqsi jekk dan il-bieb kienx imsakkar, wiegeb illi hekk jahseb stante li kellhom jistennew lis-segretarju sabiex igib ic-cavetta.

In kontro-ezami spjega illi kien dahal fil-kazin diversi drabi qabel ma mar jaghmel din it-tfittxija, pero' qatt ma kien dahal biex jaghmel xi *searches*. Anzi spjega wkoll li hafna mill-imputati huma hbieb tieghu. Huwa filfatt kien jiffrekwenta dan il-kazin socjalment. Huwa bhala mputati kien iltaqa' l-ewwel darba mas-Segretarju Vittorio Gauci dakinhar li ghamlu t-tfittxija. Huwa kien sema' illi wara li kienet sehhet l-isplużjoni tan-Naxxar membri tal-kumitat tal-Peace Band Club kienu hargu xi stqarrija biex jistiednu lil min ghandu xi oggetti relatati ma' splussivi biex jersqu l-quddiem u jghaddulhom lill-Pulizija.

Spjega li meta kienu sabu l-mohba gewwa s-sotterran huwa kien ha l-impressjoni li l-imputat Vittorio Gauci li kien qieghed hemmhekk bhala s-Segretarju tal-kazin ma kienx jaf biha din il-mohba. Spjega illi l-imputat Vittorio Gauci baqa' jichad li hu kien jaf b'din il-mohba.

Xtaq jghid u kkonferma illi meta huma talbu lis-Segretarju Vittorio Gauci biex jaghtihom ic-cavetta halli jista' jinfetah il-bieb li minn Labour Avenue jaghti ghal gewwa s-sotterran, qalilhom li kien ser imur igib cavetta. Spjega illi wara li Vittorio Gauci qal li ha jmur igib cavetta, huwa kien allarga minn hdejh. In kwantu ghall-mohba li kienet qieghda wara din l-armarju spjega li kieku ma kellhomx l-indikazzjoni illi kien hemm mohba wara bicca ghamara, kienet tkun difficli sabiex issir it-tfittixija taghhom. Spjega illi dan l-armarju gibdu s-Surgent u jidhirlu li kien hu wahdu li gibdu.

Spjega illi huwa dahal gewwa dan il-kazin diversi drabi dakinhar, illi ma jeskludiex illi jista' jkun il-kaz li anke l-ewwel darba li dakinhar dahal biex jaghmlu tfittxija seta' dahal mill-bieb ta' Labour Avenue.

In ri-ezami gie mistoqsi jekk hemmx tarag jew xi forma ta' access li mis-sotterran jaghti ghall-parti ta' fuq tal-kazin, spjega li iva hemm tarag.

Illi nhar l-24 ta' Gunju, 2008 xehed **PS 977 Joseph Zammit** u spjega illi minn verifiki li ghamel irrizultalu li s-segretarju tal-Peace Band Club huwa l-imputat Victor Gauci residenti 61, 'Maria Bambina', Triq il-Minfah, Naxxar u li ghandu l-karta tal-identita' bin-numru 747753(M). Jghid li bhala procedura meta jinhatar segretarju gdid ta' kazin jigu nfurmati li s-segretarju l-antik ikun irrezenja u jigu nfurmati mill-President tal-kazin min huwa s-segretarju l-gdid u kif ukoll iridu jircievu

ittra mis-segretarju l-gdid li dan jikkonferma maghhom li jkun accetta n-nomina tal-hatra tieghu bhala Segretarju gdid.

Ikkonferma li Victor Gauci kien ilu f'din il-kariga ta' segretarju tal-kazin sa mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007). Dana skond ittra li l-Pulizija rceviet minghand l-istess segretarju prezenti u wkoll mill-President.

Spjega illi meta l-kazin ikun irid juza nar fil-festa, japplikaw mal-Pulizija. Bhala applikant gewwa n-Naxxar, japplika certu Mario Farrugia li huwa ghandu *license* bhala kategorija A. Il-kamra tan-nar hija *Lourdes Fire Works Factory*. Mal-applikazzjoni tan-nar ikun hemm ukoll *coverage* tal-*insurance*. Spjega pero' li bhala stat ta' fatt dana Mario Farrugia, qatt ma pprezentalu personalment dawn l-applikazzjonijiet. Jekk jiftakar sew, is-sena li ghaddiet din l-applikazzjoni kienu pprezentawha David Sammut u Vittorio Gauci.

Jidhrilu li in kwantu ghas-sena *two thousand and six* (2006), l-applikazzjoni kienet saret minn Paul Camilleri. Spjega illi huwa fil-fatt meta kien talab lil Mario Farrugia biex jiffirmalu dikjarazzjoni, liema dikjarazzjoni tghid li f'kaz illi l-*insurance* ma tikkaverjax kazijiet ta' imwiet, korrimenti jew hsarat fuq propjeta' tat-terzi, huwa jkun responsabbli dan irrifjuta li jiffirmalu tali dikjarazzjoni. Hu kien irreferih ghal zewg (2) persuni, biex jiffirmawlu d-dikjarazzjoni huma. Wiehed kien mir-rapprezentanza tal-Victory Band Club u l-iehor ir-rapprezentant tal-Peace Band Club. In kwantu ghar-rapprezentant tal-Peace Band Club ghas-sena elfejn u sebgha (2007) kien iffirmahielu

David Sammut fil-kapacita tieghu ta' rapprezentant tal-Peace Band Club. In kwantu ghas-sena *two thousand and six* (2006) ghal din id-dikjarazzjoni dejjem ghall-Peace Band Club kien iffirmahielu Paul Camilleri.

In kontro-ezami gie mistoqsi dwar jekk allura huwa jafx lil Vittorio Gauci huwa spjega li dan ilu jafu kemm ilu li sar Segretarju tal-Peace Band Club. Spjega fil-kapacita' tieghu ta' surgent fl-ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar qatt ma kellu xi tfixkil minn dan Vittorio Gauci. Anzi spjega li sab koperazzjoni. Spjega li huwa generalment wahda mill-affarijiet li jishaq illi meta jkun hemm xi applikazzjoni jmur Vittorio Gauci ghax hu s-Segretarju.

Mistoqsi wkoll in kontro-ezami kemm jircievu applikazzjonijiet ghal festa tan-Naxxar sabiex jaharqu n-nar jghid li jircievi kull sena bejn wiehed u iehor xi ghaxar (10) applikazzjonijiet. Dan ikun jikkonsisti f'nar tal-ajru, nar tal-art u kif ukoll xi musketteriji. Spjega illi n-nar fin-Naxxar huwa maqsum bejn tlett (3) entitajiet peress illi l-festa hija maqsuma bejn tlett (3) entitajiet u cioe' l-Peace Band Club, il-Victory Band Club u kif ukoll il-Kummissjoni tal-Festi Esterni. L-applikazzjonijiet igibuhom il-kazin. Tal-kummissjoni tal-festi esterni tal-knisja jgiblu applikazzjonijiet. Spjega illi ta' din il-kummissjoni jgibhomlu s-Segretarju tal-kumitat tal-festi esterni, jidhilru xi hadd Borg.

Dwar is-sena elfejn u sebgha (2007) kien hemm Segretarju. In kwantu ghas-sena elfejn u sitta (2006) kien hemm Segretarju differenti. Spjega illi fil-kaz tan-Naxxar kollu, persuna li hemm indikata ghall-applikazzjoni

tan-nar hija l-*lisencee*, li huwa Mario Farrugia. Spjega li xoghlu huwa li meta jgibulu l-applikazzjonijiet, huwa jdahhalhom gewwa l-*file* u jghaddihom lis-Superjuri tieghu. In kwantu ghall-utilizzar tal-*fire engine* kif huwa rikjest fil-festi tingieb lilu ittra mill-Protezzjoni Civili li huwa jattacjaha fil-*file*.

Spjega illi bhala *insurance* biex jinharaq in-nar fil-festa tan-Naxxar jidhirlu ikun hemm *insurance* wahda. Dina tkun applikazzjoni generali u tkun ghan-nar kollu li jinharaq u tkopri mill-perjodu ta’ kull sena mit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Awwissu sat-tmienja (8) ta’ Settembru. In kwantu min ihallas dina l-*insurance* spjega li min hallas tas-sena li ghaddiet ma jafx pero’ min hallas ghas-sena ta’ qabel u cioe’ ghas-sena elfejn u sitta (2006) jaf illi kien ikkonfermalu li kien hallas l-Arcipriet.

Obbliga ruhu li fis-seduta li jmiss, jipprezenta vera kopja tad-dikjarazzjoni ta’ dawn l-ahhar sentejn u cioe’ tas-sena elfejn u sebgha (2007) u tas-sena elfejn u sitta (2006) fejn fiha jkun hemm id-dikjarazzjoni tal-obbligazzjoni li wiehed jaghmel tajjeb f’kaz li ma tkoprix l-*insurance*. In oltre obbliga ruhu li jgib il-*files* ta’ dawn l-ahhar sentejn rigwardanti l-festa tan-Naxxar.

Illi nhar it-30 ta’ Lulju, 2008 rega’ xehed **PS 977 Joseph Zammit** fejn esebixxa d-dokumentazzjoni ndikata fid-deposizzjoni li huwa ta fis-seduta precidenti tal-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Gunju, 2008. Esebixxa bhala Dok. PZP1 vera kopja tad-dikjarazzjoni ffirmata minn l-ex Sergretarju tal-Peace Band Club is-Sur Walter Mamo f’isem is-socjeta’ Peace Band Club. Dan rigwardanti n-nar li kien sejjer jinharaq matul il-

festa ta’ Maria Bambina tan-Naxxar fil-perjodu bejn it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Awwissu, 2005. Zied jghid illi f’dik id-dikjarazzjoni kien qieghed jiffirma biss ghad-dati tal-hamsa (5) ta’ Settembru, 2005 u s-sebgha (7) ta’ Settembru, 2005 li taghhom hija responsabbli s-socjeta’ Peace Band Club.

Esebixxa bhala Dok. PZP2 vera kopja ta’ *insurance* rigwardanti n-nar li kien sejjer jinharaq fid-dati bejn is-sitta u ghoxrin (26) ta’ Awwissu, 2005 sat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Awwissu, 2005 u l-erbgha (4) ta’ Settembru, 2005 sat-tmienja (8) ta’ Settembru, 2005.

Zied jghid ukoll illi l-*insurance* bhala perjodu li kienet qieghda tkopri kien ghall-perjodu bejn it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Awwissu, 2005 u t-tmienja (8) ta’ Settembru, 2005. Dan skond kif indikat f’dan id-dokument li gie esebit u mmarkat bhala Dok. PZP2. Dina l-*insurance* tikkaverja bhala *insured party* lil Mario Farrugia u *additional insured* lill-Arcipriet tan-Naxxar, Victoria Band Club, Peace Band Club u Peace Organizing Committee kollha ghad-drittijiet u nteressi taghhom.

Esebixxa bhala Dok. PZP3 dikjarazzjoni tas-sena elfejn u sitta (2006) iffirmatha fost l-ohrajn mill-ex Segretarju Walter Amato, bhala Segretarju ta’ Peace Band Club. Dan d-dokument Dok. PZP3 hija vera kopja. Esebixxa bhala Dok. PZP4 vera kopja tal-*insurance* ghas-sena elfejn u sitta (2006).

Esebixxa vera kopja ta’ dikjarazzjoni ghas-sena elfejn u sebgha (2007) li giet esebita u mmarkata bhala Dok. PZP5. Fuq dan id-dokument gharaf il-firma ta’ David Sammut fejn kien qieghed jiffirma f’isem il-Peace Band Club ghan-nar tal-ajru u tal-art fid-dati tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Awwissu, 2007, tal-hamsa (5) ta’ Settembru, 2007 u tas-sebgha (7) ta’ Settembru, 2007. Esebixxa bhala Dok. PZP6 kopja tal-*insurance* ghas-sena 2007 u din hija vera kopja.

In kontro-ezami b’referenza ghad-dokumenti PZP1, PZP3 u PZP5 spjega illi huwa kien ircieva dikjarazzjonijiet ohra minn entitajiet ohra li huma l-Victory Band Club u f’dan ir-rigward rigwardanti l-Victory Band Club esebixxa dokumentazzjoni li giet esebita u mmarkata bhala Dok. PZP7 u esebixxa bhala Dok. PZP8 dokumentazzjoni f’isem il-kumitat festi esterni. Spjega li dawn huma dokumenti li huma vera kopja u zied jghid ukoll li dawn jirrigwardaw is-sena elfejn u hamsa 2005. Zied jghid li rigwardanti s-snin 2006 u 2007 il-partijiet kollha huma affirmati fuq l-istess dikjarazzjoni u dan ghal dokumenti PZP3 u PZP5.

In kwantu d-dikjarazzjonijiet li esebixxa bhala Dok. PZP1, PZP3 u PZP5 rispettivament dawn ma jindikawx il-provenjenza ta’ fejn gej in-nar. Gie mistoqsi dwar jekk huwa jafx lill-persuna responsabbli waqt il-hruq tan-nar u dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ spettakli tan-nar, huma l-*license* A li japplika u jiffirma l-applikazzjoni. Dwar dan spjega li huwa mhuwiex il-persuna kompetenti illi jirrispondi tali domanda. Spjega illi d-dokumenti jigu konsenjati fl-ufficcju li taghhom m’ghandu l-ebda registru.

Illi nhar it-30 ta’ Lulju, 2008 xehed il-**Kaptan Jeffrey Curmi** fejn esebixxa kopja vera tar-relazzjoni tieghu li huwa esebixxa fl-inkjesta dwar sejba ta’ materjal splussiv gol-Peace Band Club, Victoria Square, Naxxar. Huwa spjega li l-original ta’ din ir-relazzjoni tieghu huwa esebiha f’kawza ohra u precizament fil-kawza bl-ismijiet il-Pulizija vs Mark Agius. Tenna li l-kopja vera tar-relazzjoni tieghu qieghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok. KFM1.

Illi nhar it-2 ta’ Settembru, 2008 xehed is-**Supretendent Neville Aquilina** u spjega li wara li kienet saret l-isplużzjoni fit-12 ta’ Marzu 2008 gewwa Triq Hal Dejf in-Naxxar, il-Pulizija kienu ghamlu sensiela ta’ tfittxijiet f’residenzi u bini privat iehor kif ukoll tkellmet ma’ diversi persuni biex tinvestiga dan il-kaz ta’ spluzzjoni. Fost il-persuni li tkellmu maghhom u li huwa kien prezenti ghalih kien hemm is-Segretarju tal-Kazin Peace Band Club Vittorio Gauci li gharaf fl-ewwel bank mix-xellug tieghu bhala l-ewwel persuna. Dan kien ghall-11 ta’ April 2008 fejn Victor Gauci kien ukoll irrilaxxa stqarrija lill-Ispettur Elton Taliana li waqt dan l-interrogatorju hu kien prezenti ukoll fl-ufficcju tal-Ispettur Elton Taliana.

Fost bazikament l-affarijiet li ntqal f’dan l-interrogatorju kien li Victor Gauci m’ huwiex persuna licenzjat li jimmanifattura jew li jaghmel xi xoghol tan-nar, xi loghob tan-nar. Qalilhom ukoll li huwa kien is-Segretarju tal-kazin tal-Banda. Din hija t-tieni sena, it-tieni term tieghu. Ma jafx jekk isejhulux term jew sena, pero’ hija t-tieni sena bhala Segretarju tal-Kazin Peace Band Club. Huwa qalilhom ukoll, accena anzi li l-Kazin Peace Band Club ma kellu x’jaqsam xejn ma’ manifattura jew

xoghol tan-nar. Minn naha ta' Pulizija huma kienu staqsewh ukoll rigward xi fuljett jew *magazine* li kien hareg mill-istess Socjeta' tal-Kazin Peace Band Club li fiha kien hemm miktub li se jsiru *displays* ta' *fireworks* ghan-nom tal-istess kazin u staqsewh jekk dan kienx kontradittorju ma' dak li kien qed jghid. Fil-fatt qalilhom li dak li kien hemm miktub fil-*magazine* hu ma kienx jaf bih u jekk kien kiteb xi haga f'dan is-sens ma kienx bil-permess tieghu.

Urewh ukoll ritratt li juri numru ta' murtali qeghdin *displayed* quddiem il-Kazin Peace Band Club u fuq wara kellhom il-bandiera tal-istess socjeta' Peace Band Club ukoll u qalulu x'kienet din ir-raguni. L-istess haga qalilhom li hu ma kienx *aware* ta' dan ir-ritratt jew x'kienu dawn ir-ritratti pero' rega' enfasizza li dakinhar ma kienx jappartjeni ghall-inqas sa fejn jaf hu lill-Kazin Peace Band Club. Ghal dan il-ghan staqsieh ukoll jekk bhala Segretarju tal-Kazin kienx jaf x'inhuma r-responsabilitajiet tieghu peress li huwa persuna li fl-ahhar mill-ahhar qed jidher ghas-Socjeta'. Kien ghamilielu cara li fil-fatt kien ha jidhol f'din is-sitwazzjoni u ha jaghmel cert li fis-snin ta' wara dawn l-affarijiet fejn jidhol *magazines* u affarijiet fejn jidhlu loghob tan-nar dawn ma jirrepetux ruhhom.

Fil-fatt dan l-*istatement* m'hemmx il-firma tieghu bhala xhud ta' l-istqarrija pero' kien prezenti fih. L-*istatement* qieghed prezentat bhala fol. 122 fl-istess process. B'referenza ghal Dok. ETP 1 a fol 122 li hija l-istqarrija maghmula minn Victor Gauci gharaf il-firma tal-Ispettur Elton Taliana u xhud tal-firma ta' PC 940 Charles Debattista kif ukoll dik il-firma tal-istess Victor Gauci. Din l-istqarrija fiha fuq tliet (3) faccati. Fl-

istqarrija Victor Gauci nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jwiegeb l-ebda mistoqsija li ssirlu izda dak kollu li kien ser jghid kien se jitnizzel bil-miktub u jista’ jingieb bhala prova.

Fil-fatt wara wkoll, fl-ahhar tal-istqarrija Victor Gauci ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Fit-3 ta’ Mejju 2008 kienet dahlet informazzjoni l-Ghassa tan-Naxxar illi fil-Kazin Peace Band Club ezattament fil-kantina, fil-*basement* kien hemm xi splussiv u xi xoghol tal-loghob tan-nar mahzun hemmhekk. L-ispettur Nikolai Sant flimkien mas-Surgent PS 38 u PC 252 Stephen Mallia kienu accedew fuq il-post fuq din l-informazzjoni li kellhom. Maghhom kien hemm prezenti l-istess Segretarju Victor Gauci kif ukoll fl-istess post dak il-hin inzerta kien hemm ukoll membru iehor tal-Kumitat Ivan Gauci li qed jarah fit-tieni bank, it-tieni wiehed mix-xellug li dana wkoll kien qed jassisti lill-Pulizija waqt din it-tfittxija.

L-Ispettur Nikolai Sant ftit tal-hin wara nfurmah illi waqt li ndunaw li kien hemm kamra pjuttost kamra zghira mohbija permezz ta’ armarju, qed jghid mohbija peress li meta inti qed thares minn barra ma tindunax bl-ebda mod li din il-kamra tezisti. Fil-fatt l-armarju qieghed maghmul imqabbad mal-hajt minn naha minnhom u jigi *swivel* bhal meta tiftah bieb biex ikollok access ghal din il-kamra. Fil-fatt l-Ispettur Sant infurmah kif dahlu f’din il-kamra osservaw li kien hemm xi kaxex li kienu jikkonsistu f’loghob tan-nar, xi loghob ta’ splussiv. Ghal dan il-ghan it-tfittxija waqfet ghal dak il-hin. Giet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa dakinhar, il-Magistrat Miriam Hayman li ordnat li ssir inkjesta fejn inhatru diversi esperti fosthom kien hemm il-Kaptan Jeffrey Curmi

tal-Bomb Disposal Unit, il-Perit Richard Aquilina u membri tas-Scene of Crime ukoll.

Kif dawn waslu fuq il-post il-Bomb Disposal Unit hadet over ghat-tfittxija peress li huma ghandhom l-*expertise* ta' dan ix-xoghol u komplew bit-tfittxija huma.

Fil-fatt ittiehdu u gew elevati dan ix-xoghol ta' materjal ta' loghob tan-nar kollu u wara gie ffotografat fuq il-post. Dakinhar stess huwa kien ukoll baghat ghall-President tal-Kazin Peace Band Club is-Sur Carmel Grech, il-persuna li gharaf hawn fl-ewwel bank it-tieni mix-xellug, kien mar l-Ghassa ta' Birkirkara. Prezenti mieghu kien hemm l-Ispettur Kevin Farrugia u l-istess Carmel Grech kien irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fejn fost affarijiet ohra wara li ddentifika ruhu li huwa kien il-President tal-istess Socjeta' Peace Band Club kien gie mistoqsi ukoll rigward il-*magazines* tal-festa li johorgu kull sena. U fejn dan jaghti x'tifhem li hemm Kumitat organizzativ li jiehu hsieb dan ix-xoghol tan-nar.

Is-Sur Carmel Grech qalilhom li s-snin qabel kien jezisti dan, jissejjah bhala Kummissjoni armar li kien jiehu hsieb l-armar tal-festa u tizjin tal-faccata u pavaljuni. Pero' kien insista li ma jsir l-ebda xoghol tan-nar, tal-loghob tan-nar. Qalilhom biss li fil-*basement* kien isir xoghol ta' hadid u injam ghal biex isiru l-*fireworks* ta' l-art pero' dana kien biss xoghol mekkanizzat. Ma kienx xoghol li jinkludi xi splussiv fuqu. Meta gie mistoqsi min qed jaghmel dan it-tip ta' xoghol qalilhom li dan il-grupp qabel kien kompost minn erba' persuni, fosthom Pawlu Camilleri, persuna li kien miet waqt l-ispluzzjoni fi Triq Hal Dejf flimkien ma' David

Sammut li gharaf it-tielet persuna fit-tieni bank mix-xellug. Ivan Gauci l-istess diga’ iddentifikah u persuna iehor Marco Agius li ghalkemm m’ huwiex membru tal-Kumitat kien attiv sew fil-Kazin Peace Band Club.

Il-President is-Sur Carmel Grech qalilhom li dawn l-erba’ persuni kellhom ic-cavetta ghal dan il-*basement* u kienu jaghmlu dan it-tip ta’ xoghol bhala preparament ghall-festa tal-Vittorja li ssir fit-8 ta’ Settembru. Regghu staqsew rigward ix-xoghol tan-nar tal-art min kien jiehu hsiebu. Hu qalilhom bhala xoghol tal-art *as such* bhala splussiv ma kienux jiehdu hsieb huma pero’ kienu jiehdu hsieb ix-xoghol mekkanizzat. U dana kienu David Sammut u Ivan Gauci. Gie mistoqsi fejn kien isir dan ix-xoghol u qalilhom li kien isir fil-kantina tal-*basement* tal-istess Kazin Peace Band Club. Din l-istqarrija qieghda esebita fil-process u mmarkata bhala fol. 111.  B’referenza ghal Dok. KFP 1 qed jaghraf l-istqarrija maghmula mis-Sur Carmel Grech. L-istqarrija hija komposta minn hames faccati. Wara li nghata twissija li ma kienx obbligat li jirrispondi l-mistoqsijiet li jsirulu izda dak li jghid kien ser jingieb bhala prova. L-istess Carmel Grech ghazel li jiffirma l-istqarrija. Gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Kevin Farrugia u tal-istess Carmel Grech.

Spjega wkoll illi matul l-investigazzjonijiet taghhom li ghamlu fuq din is-sejba tal-loghob tan-nar gewwa l-Kazin Peace Band Club, mir-*records* li kellhom huma bhala Pulizija tal-festa tas-sena ta’ qabel u cioe’ dik tas-sena 2007, hemm fil-fatt dikjarazzjoni li kienet giet iffirmata minn tliet (3) entitajiet li jiehdu hsieb ix-xoghol, id-*displays* tan-nar matul il-festa. Dawn huma l-Victory Band Club, il-Peace Band Club u s-Segretarjat tal-

festi esterni. Bhala rapprezentant tal-Peace Band Club dakinhar kien iffirma din id-dikjarazzjoni li kienet tghid ahna hawn taht fejn tidher il-firma taghna niddikjaraw li naghmlu tajjeb ghal kull talba ta’ kumpens li tista’ issir minhabba mewt, korriment jew hsarat ta’ proprjeta’ kagun minn hruq ta’ nar kemm ta’ l-ajru kif ukoll tal-art in konnessjoni mal-festa ta’ Marija Bambina tan-Naxxar li tigi ccelebrata matul il-Gimgha 28 ta’ Awwissu, 2007 u t-8 ta’ Settembru, 2007 gewwa n-Naxxar.

Fil-fatt hemmhekk gharaf il-firma tal-istess David Sammut fil-kariga tieghu huwa membru tal-Kumitat u Peace Band Club. Fl-era ta’ din id-dikjarazzjoni li qed jesebixxi bhala Dok. SNA 1 apparti minn dan minn investigazzjonijiet ohra li ghamlu ma rrizultalhomx li l-membri kollha tal-Kumitat kienu kellhom licenzja, xi tip ta’ licenzja li jimmanifatturaw jew jaghmlu xi xoghol ta’ loghob tan-nar. Pero’ kemm il-President Carm Grech, David Sammut, Ivan Gauci, Joseph Buhagiar u Louis Bugeja rrizultalhom li ghandhom il-licenzja C tax-xoghol tan-nar, li jistghu jaghmlu xoghol tan-nar.

Illi nhar it-2 ta’ Settembru, 2008 xehed **PC 940 Charles Debattista** fejn gie muri Dok. ETP 1 minn folio 122 et seq, u kkonferma illi huwa kien xhud tal-istqarrija tal-imputat Vittorio Gauci li gharfu bhala wiehed mill-imputati prezenti fl-Awla. Ikkonferma li l-imputat inghata twissija skond il-Ligi u rrilaxxja l-istqarrija b’mod volontarju. Spjega illi qieghed jaghraf il-firma tieghu fuq din l-istqarrija kif ukoll tal-Ispettur Elton Taliana u l-firma tal-istess imputat li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem qed jaghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

Illi nhar it-8 ta’ Ottubru, 2008 xehed **PC 537 Stuart Vella** fejn iddikjara li in kwantu ghal Carmel Grech b’karta tal-identita’ numru 616457(M), dan ghandu licenzja C tan-nar. In kwantu ghal Mary Chetcuti b’karta tal-identita’ numru 390966(M), din ma ghandha l-ebda licenzja tan-nar. In kwantu ghal Vittorio Gauci b’karta tal-identita’ numru 747753(M), dan ma ghandu l-ebda licenzja tan-nar. In kwantu ghal David Sammut b’karta tal-identita’ numru 230183(M), dan ghandu licenzja C tan-nar. B’referenza ghal Joseph Buhagiar b’karta tal-identita’ numru 259859(M), dan ghandu licenzja C tan-nar. In kwantu ghal Ivan Gauci b’karta tal-identita’ numru 570883(M), dan ghandu licenzja C tan-nar. B’referenza ghal Anthony Cauchi b’karta tal-identita’ numru 255666(M), dan ma ghandu l-ebda licenzja tan-nar. B’referenza ghal Joseph Martin Camilleri b’karta tal-identita’ numru 2012247(P), dan ma ghandu l-ebda licenzja tan-nar.

In kwantu ghal Raymond Chetcuti b’karta tal-identita’ numru 251660(M), dan ma ghandu l-ebda licenzja tan-nar. In kwantu ghal Louis Bugeja b’karta tal-identita’ numru 227485(M), dan ghandu licenzja C tan-nar. In kwantu ghal Edward Azzopardi b’karta tal-identita’ numru 388679(M), dan ma ghandu l-ebda licenzja tan-nar.

In kwantu ghall-Peace Band Club dan m’ghandhom l-ebda licenzja li huma jkunu jistghu jzommu xoghol tan-nar fil-bini ta’ dan il-Peace Band Club.

Mitlub in kontro-ezami jispjega xi tkopri licenzja ‘C’, spjega li din il-licenzja tawtorizza l-persuna li tkun tista’ tahraq in-nar u din il-licenzja taghti biss dina l-fakulta’ li wiehed ikollu permess li jista’ jahraq in-nar.

Spjega illi l-licenzja C tawtorizza l-persuna li jkollha din il-licenzja sabiex hi stess fizikament tixghel in-nar.

Illi nhar it-8 ta’ Ottubru, 2008 xehed **PC 6 Duncan Demicoli** u esebixxa kopja ta’ sett ritratti mehudin minnu konsistenti f’erbgha u tletin (34) ritratt bil-kulur, flimkien mar-rapport tieghu li qed jigu esebiti u mmarkati bhala Dok. PDS1. Spjega illi l-originali ta’ dawn ir-ritratti u rapport huwa esebihom fil-kawza **Il-Pulizija vs Mark Agius** li qieghda tinstema’ quddiem il-Magistrat Dr. Miriam Hayman.

Spjega li huwa ha r-ritratti fuq inkarigu moghti lilu mill-Ispettur Elton Taliana u mill-Ispettur Nikolai Sant. L-inkarigu tieghu kien li hu jigbed ir-ritratti u hekk ghamel.

Illi nhar il-15 ta’ Dicembru, 2008 xehed **PS 678 Bernard Bunce** fejn spjega li huwa ntalab jaghmel ricerka rigwardanti hazna ta’ xi splussivi jew kmamar tan-nar u spjega illi mill-verifiki li ghamel personalment jirrizulta li ma nhargu l-ebda permessi jew licenzji f’dan ir-rigward.

Illi nhar il-21 ta’ Jannar, 2009 xehed **PS 1122 Arthur Rizzo** u spjega illi fit-3 ta’ Mejju, tas-sena 2008 huwa kien qieghed stazzjonat l-Ghassa ta’ Birkirkara. Huwa gie moghti ordni mis-Supretendent Neville Aquilina biex huwa jitla’ mieghu hdejn il-Peace Band Club sitwat gewwa n-Naxxar. Huwa mar mas-Supretendent sabiex jassistih stante li kienet dahlet informazzjoni anonima li kien hemm xi caqliq ta’ xi loghob tan-nar mill-imsemmi Kazin. Kif huwa wasal fuq il-post kien hemm diga’ prezenti PS 38 u PC 252. Dan kienu diga’ ghamlu spezzjoni fil-presenza

tas-Segretarji tal-Peace Band Club u spjega li kif wasal fuq il-post PS 38 u PC 252 infurmawh li huma kienu diga' sabu sustanzi li kienu suspettuzi li kienu splussivi go kamra f'*basement* tal-istess Kazin. Xoghlu kien li jibqa' barra l-Kazin biex jikkontrolla l-*area*. Pero' spjega li dakinhar gol-Kazin dakinhar ma kienx dahal. Spjega wkoll li dakinhar meta huwa kien prezenti fuq il-lok kienu gew membri tal-Explosive Unit u kienu gew elevati xi affarijiet minn fuq il-post.

Spjega illi mieghu kien qed jassistih PC 940 pero' dan ukoll dakinhar ma kienx dahal gewwa l-Kazin. Spjega li meta hu kien wasal dakinhar fuq il-post ghall-habta ta' xi s-siegha u nofs, saghtejn nieqes ghoxrin ta' wara nofsinhar u telaq minn fuq il-post ghall-habta ta' xi t-tlieta nieqes kwart, it-tlieta ta' wara nofsinhar. Ghalhekk bejn wiehed u iehor ghamel xi siegha fuq il-post.

Illi nhar is-27 ta' Frar, 2009 xehed **Brian Farrugia** ghan-nom tal-ADT u spjega illi gie jixhed in kwantu ghall-informazzjoni li gie mitlub biex jaghti rigwardanti tliet vetturi. Huwa ghamel referenza ghall-vettura KAI – 386 li hija vettura tal-marka Fiat Uno ta' kulur ahmar u qal li din hija registrata f'isem Raymond Muscat, karta tal-identita' bin-numru 785653(M) u ilha hekk registrata mis-27 ta' Lulju, tas-sena 1995 u ghadha hekk sa llum. In kwantu ghat-tieni vettura numru ta' registrazzjoni FBO – 981 li hija vettura tal-marka Toyota Starlet kulur abjad, din hija registrata f'isem Emanuel Azzopardi karta ta' identita' numru 420652(M) u ilha hekk registrata mit-12 t'Awwissu, 2003 u ghadha hekk sa llum.  Rigwardanti t-tielet vettura bin-numru ta' registrazzzjoni OGT – 015 tal-marka Hyundai Accent ta' kulur silver, din

hija registrata f'isem David Barbara karta ta' identita numru 54876(M) u ilha hekk registrata mit-18 ta' Gunju, tas-sena 1997 u ghadha hekk sa llum.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tad-dsatax (19) ta' Settembru, 2013 fejn gie verbalizzat is-segwenti:-

"*l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nikolai Sant ghall-Prosekuzzjoni u Dr. Joseph Giglio u Dr. Martin Fenech ghall-patrocinati taghhom ossia Vittorio Gauci, Edward Azzopardi, Mary Chetcuti, Anthony Cauchi u Raymond Chetcuti ddikjaraw illi wara li hadu konjizzjoni ulterjuri tal-atti processwali u wara li giet ippresentata n-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija li tinsab a fol. 385 u 386 tal-Process u wara konsultazzjonijiet mal-Avukat Generali, qeghdin jaqblu li limitatament inkwantu jirrigwarda l-patrocinati taghhom fuq imsemmija, tista' tirrizulta reita biss fir-rigward tat-tielet imputazzjoni*".

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nikolai Sant ghall-Prosekuzzjoni u Dr. Arthur Azzopardi ghall-imputati Carmel Grech u Joseph Martin Camilleri u Dr. Martin Fenech ghall-imputat Anthony Cauchi ddikjaraw illi "*dak diga' verbalizzat fis-Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013 inkwantu li jirrigwarda lill-imputati Vittorio Gauci, Edward Azzopardi, Mary Chetcuti, Anthony Cauchi u Raymond Chetcuti japplika wkoll ghall-imputati Carmel Grech, Joseph Martin Camilleri u Anthony Cauchi*".

Rat ukoll li dakinhar stess tas-6 ta' Dicembru 2013 Dr. Joseph Giglio, Dr. Arthur Azzopardi u Dr. Martin Fenech ghall-partocinati taghhom u cioe' Vittorio Gauci, Carmel Grech, Louis Bugeja, Edward Azzopardi, Mary Chetcuti, Anthony Cauchi, Joseph Martin Camilleri u Raymond Chetcuti, eccepew l-preskrizzjoni trimestrali fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Rat illi ghalhekk din il-kawza giet appuntata quddiemha ghall-kontinwazzjoni u nhar id-19 ta' Mejju 2014 deher Dr Jason Grima u nforma l-Qorti li huwa kien ser jipprezenta rikors kostituzzjonali ghan-nom tal-parocinati tieghu Ivan Gauci, David Sammut u Joseph Buhagiar u in vista ta' dak li gie verbalizzat minnu dakinhar waqt is-seduta l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputati l-ohra.

Il-Qorti b'digriet taghha ta' l-istess jum tas-26 ta' Gunju 2014 laqghet it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju u ddiferiet il-kawza sine die fil-konfront ta' Ivan Gauci, David Sammut u Joseph Buhagiar u ordnat il-kontinwazzjoni fil-konfront tal-imputati odjerni.

Nhar l-14 ta' Ottubru 2014 Dr. Martin Fenech u Dr Joseph Giglio trattaw il-kawza u ghamlu accenn ghal verbali tal-Qorti tad-19 ta' Settembru

2013 u tas-6 ta’ Dicembru 2013 rapportati aktar ‘il fuq u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza abbazi tal-provi migbura u tas-sottomissjonijiet verbali taghhom.

Illi in segwitu dan il-process rega’ ntbaghat lill-Avukat Generali abbazi tad-digriet tat-3 ta’ Dicembru 2014 (fol 528) u nhar is-6 ta’ Jannar 2015 l-Avukat Generali rega’ baghat l-Artikoli bhal dawk li kien baghat originarjament quddiem din il-Qorti diversament preseduta nhar l-4 ta’ Gunju 2009 (fol 383).

Illi nhar il-5 ta’ Frar 2015 dehru l-imputati assistiti mill-avukati difensuri taghhom u deher ukoll l-Ufficjal Prosekutur Nikolai Sant li ghamlu referenza ghat-trattazzjoni taghhom precedenti u talbu illi din il-kawza tibqa’ ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi f’din il-kawza l-imputati ghazlu li ma jixhdux ghalkemm irrilaxjaw stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni. Huwa kompitu ta’ din il-Qorti sabiex tara kull stqarrija li giet rilaxxjata b’mod individwali u dan ghaliex dak li jghid imputat fil-konfront ta’ ko- akkuzat ma jorbotx lil ko-akkuzat u ghalhekk dak li jghid akkuzat jghodd biss fil-konfront tieghu u dan l-ezercizzju ghandu l-import tieghu b’mod individwali ghal kull akkuzat. Il-Qorti ghalhekk ghamlet ezercizzju u daret kull stqarrija li hija esebita fl-atti.

**Vittorio Gauci** rrilaxja l-istqarrija tieghu nhar it-3 ta' Mejju 2008 li tinsab esebita u mmarkata bhala Dok. NSP 1 (fol. 86). Jghid li huwa bniedem separat u disokkupat u jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-kumitat tal-Peace Band Club u kkonferma li kien ilu jokkupa din il-kariga ghal perjodu ta' sena u tlett xhur. Ikkonferma li cavetta tal- *basement* tal-Peace Band Club ghandhom David Sammut u Ivan Gauci u kkonferma li huwa m'ghandux kopja ta' din ic-cavetta. Stqarr li huwa kien prezenti waqt it-tfittxija li saret fil-kazin u jghid li kien sorpriz hafna bil-mohba li nstabet dwar l-isplussivi. Jghid li kien jaf li kien isir xi xoghol ta' injam u hadid ghal-loghob tan-nar minn xi membri tal-kazin. Mistoqsi x'konnessjoni kellu Pawlu Camilleri mal-kazin jghid li kien partitarju. Cahad li qatt mar fl-ghalqa minn fejn itellghu in-nar jew li qatt ha xi musketterija fuq il-bejt tal-kazin.

**Anthony Cauchi** irrilaxja l-istqarrija tieghu nhar l-4 ta' Mejju 2008 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 89 u mmarkata bhala Dok. NSP 4. Huwa jghid li huwa jahdem bhala *truck driver* li jgorr il-konkos u ghandu stat ta' mizzewwweg. Ikkonferma li jokkupa l-kariga ta' delegat tal-banda fil-kumitat. Mistoqsi jekk qatt nizel fil-basement tal-kazin fejn instabet mohba ta' splussivi wara armarju jghid li qatt ma nizel hemm. Lanqas kien jaf li l-barman tal-kazin kellu xi cavetta ghal katnazz li jinfed ghal basement. Jghid li licenzja tan-nar m'ghandux u jghid li lanqas qatt ma ra xi murtal jew xoghol tan-nar lest rejalment izda biss fuq xi gazzetta. Mistoqsi x'konnessjoni kellu Pawlu Camilleri mal-kazin jghid li fiz-zmien kien fil-kumitat u jafu ftit il-kazin. Mistoqsi ghal kemm il-laqgha attenda jghid li jekk saru ghoxrin kien falla hamsa minnhom u jghid li waqt il-laqghat diskors fuq in-nar tal-festa ma sarx.

**Joseph Martin Camilleri** irrilaxja l-istqarrija tieghu nhar l-4 ta' Mejju 2008 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 92 immarkata bhala Dok NSP 5 jghid li huwa pensjonant u jahdem bhala *part time clerk* u ilu mizzewweg erbghin sena. Ir-rwol tieghu fil-kazin huwa ta' kaxxier u xoghlu hu li jara li jkun hemm konformita' dwar id-dhul u hrug tal-flejjes tal-kazin. Mistoqsi jekk kienx jaf xi haga dwar il-mohba ta' splussivi li nstabet wara l-armarju fil-basement tal-kazin jghid li ma jaf xejn dwarha u jenfasizza li lanqas cavetta ghall-basement ma ghandu. Mistoqsi jekk ma messux ikun jaf b'dan li kien qed jigri fil-kazin u cioe' li kien hemm il-perikolu jghid li ma kien jaf xejn u xoghlu bhala kaxxier m'ghandux x'jaqsam ma affarijiet bhal dawn. Mistoqsi jekk hax xi prekawzjoni wara li kien hemm l-ispluzzjoni ta' Hal Dejf Naxxar, jghid li ma hax ghaliex ma kienx jaf li effettivament kien hemm perikolu fil-kazin u ghalhekk ma seta' jiehu l-ebda mizura. Jikkonferma li licenzja tan-nar m'ghandux u mistoqsi jekk qattx ra xi murtal lest jew xi xoghol tan-nar iehor jghid li ra izda fl-irdieden fuq l-arbli tal-festa. Mistoqsi x'konnessjoni kellu Pawlu Camilleri mal-kazin jghid li kien ex-membru tal-kazin u gieli kien jarah il-kazin. Jghid li fil-kumitat kien ilu xi sena u tliet xhur u kien attenda ghal kull laqgha li saret salv ghal dawk li nzammu meta kien imsiefer. Jghid li f'dawn il-laqghat qatt ma assoccjaw ruhhom man-nar.

**Raymond Chetcuti** rrilaxxja l-istqarrija tieghu nhar l-4 ta' Mejju 2008 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 95 immarkata bhala Dok. NSP 6 u jghid li huwa ragel mizzewweg b'zewgt itfal u jahdem bhala manager fid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, Birkirkara. Jghid li kien ilu fil-kumitat tal-Peace Band Club sa minn Novembru 2007 u jiehu hsieb l-NGO's. Mistoqsi x'kellu xi jghid dwar il-mohba ta' splussivi li nstabet

wara armarju fil-basement tal-kazin jghid li ma jaf xejn. Izid jghid li huwa ma jkunx il-kazin salv ghal-laqghat. Jghid huwa jkun jaf biss dwar dak li jkun ghaddej waqt il-laqghat u mhux dak li jkun ghaddej fil-bini tal-kazin. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-barman tal-kazin kellux cavetta ghal basement tal-kazin qal li waqt il-laqghat fejn kien prezenti att ma ssemma l-barman. Licenzja tan-nar jghid li m'ghandux. Mistoqsi x'konnessjoni kellu Pawlu Camilleri mal-kazin jghid li ma kellu ebda konnessjoni sa fejn jaf hu u qatt ma kellmu. Mistoqsi jekk qattx ra xi murtal lest jew xi xoghol tan-nar jghid li qatt ma attenda fl-ghelieqi u ma jafx kif inhu. Mistoqsi kemm-il laqgha attenda jghid li kien hemm xi erbgha. Mistoqsi jekk qattx tkellmu fuq in-nar tal-festa jghid li darba minnhom kien hemm xi ittra tal-arcipriet u l-President stqarr li huma m'ghandhomx x'jaqsmu man-nar u lanqas qatt ma tkellmu fuq xi mizuri li kellhom jiehdu biex ma jkunx hemm min jabbuza minn dawn l-affarijiet tan-nar.

**Louis Bugeja** rrilaxxja l-istqarrija tieghu nhar l-4 ta' Mejju 2008 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 98 immarkata bhala Dok. NSP 7 u jghid li huwa guvni u jahdem. Huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur taz-zghazagh tal-Peace Band Club. Mistoqsi jghid x'dehrlu mit-tfittxija li saret fil-basement tal-club u appuntu ghas-sejba ta' splussivi li nstabu wara l-armarju jghid li ma kien jaf xejn dwar dak li nstab. Access ghal kullimkien fil-club ma kellux u huwa kien biss responsabbli ghas-sezzjoni zghazagh. Qal li l-kazin qatt ma ffinanzja nar u lanqas qatt ma hadem in-nar u jghid li dak li nstab fil-basement ma jistax jassocja ruhu mieghu. Mistoqsi x'konnessjoni kellu Pawlu Camilleri jghid illi kien membru tal-armar u kien habib taz-ziju tieghu u gieli kien jara mieghu l-affarijiet tal-Milied. Jghid li kien ilu sena jattendi l-laqghat.

**Edward Azzopardi** irrilaxja l-istqarrija tieghu nhar l-4 ta' Mejju 2008 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 102 immarkata bhala Dok. NSP 9 u jghid li huwa guvni u jahdem bhala ghalliem gewwa l-iskola Liceo Hamrun u jghallem it-technical drawing. Mistoqsi jghid x'dehrlu mit-tfittxija li saret fil-basement tal-club u appuntu ghas-sejba ta' splussivi li nstabu wara l-armarju jghid li ma kien jaf xejn dwar dak li nstab u jghid li isfel qatt ma' nizel. Lanqas jaf jekk il-barman tal-kazin kellux cavetta ghad-dhul gol-basement. Jghid li huwa m'ghandux licenzja sabiex jahdem in-nar. Mistoqsi x'konnessjoni kellu Pawlu Camilleri mal-kumitat jghid illi kien socju onorarju u kien jafu biss minn wiccu. Jghid li huwa kien attenda kull laqgha u b'kollox jikkalkula li attenda ghal xi erbghin laqgha. Jghid li l-kazin tal-banda m'ghandux x'jaqsam man-nar. Jghid ghalhekk qatt ma tkellmu fuq xi mizuri li kellhom jiehdu fir-rigward ta' sigurta'.

**Mary Chetcuti** rrilaxjat l-istqarrija taghha nhar l-4 ta' Mejju 2008 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 105 immarkata bhala Dok. NSP10 u tghid li hija mara mizzewga u hija mara tad-dar. Tghid li zewgha huwa wkoll fil-kumitat u flimkien ghandhom zewgt itfal. Tghid li hija tokkupa l-kariga ta' Direttrici Nisa fil-Peace Band Club u ilha tokkupa din il-kariga sa minn Jannar 2008. Mistoqsija x'tahseb dwar il-mohba tal-isplussivi li nstabu wara l-armarju fil-basement tghid li ma kienet taf xejn dwarha u li qatt ma nizlet fil-basement. Mistoqsija jekk qatt ratx xi murtal jew xoghol tan-nar lest tghid li le. Mistoqsija jekk tafx lil Pawlu Camilleri tghid li ma kienitx tafu. Tikkonferma li laqghat attendiet ghal erbgha b'kollox. Mistoqsija jekk ghandhiex licenzja tan-nar tghid li m'ghandhiex u fil-fatt lanqas qatt ma rat murtal jew xi xoghol iehor lest tan-nar.

Mistoqsija jekk Pawlu Camilleri kellux konnessjoni mal-Peace Band Club tghid li ma tafx li kellu u tghid li lanqas kienet tafu. Tghid li laqghat attendiet ghal xi erbgha u mistoqsija jekk qattx tkellmu fuq in-nar tal-festi tghid li wara li kien sehh l-incident tan-Naxxar il-President kien qal ara li ma jaqbadx lil xi hadd fuq in-nar.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi ghalhekk mis-suespost jirrizulta li hadd mill-imputati fuq indikat ma kellhom licenzja tan-nar pero' skont ix-xhieda tas-Supretendent Neville Aquilina (fol 268) l-imputat Carmel Grech kellu licenzja C biex jaghmel xoghol tan-nar. Jirrizulta wkoll mis-suespost li hadd mill-imputati ppartecipa fix-xoghol tan-nar jew li kellhom x'jaqsmu mal-istivar tal-isplussivi li nstabu mohbija wara l-armarju tal-*basement*. Jidher li hadd minnhom ma kellu access ghal dan il-basement u hadd minnhom ma kellu cavetta u li hadd minnhom ma kien jaf dwar din is-sejba u li in effetti kienet issorprendiet lil kulhadd. Jidher ukoll li hadd mill-imputati fuq imsemmija ma ghandu x'jaqsam max-xoghol tan-nar tal-festa u li l-kariga taghhom fil-kazin tal-Peace Band Club m'ghandha x'taqsam xejn ma' produzzjoni ta' nar ghal festa. M'hemmx dubju li l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputati bhala membri tal-kumitat tal-Peace Band Club fejn effettivament instabet is-sejba ta' splussivi u mhux ghaliex uhud minnhom kellhom x'jaqsmu direttament maghhom. Il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-konnessjoni o meno taghhom mal-isplussivi kemm-il darba kellhom u dan ghaliex mill-istqarrijiet taghhom li ma gewx kontestati jew imcahda mill-Prosekuzzjoni, ma jidhirx li kien hemm xi konnessjoni.

Jidher minn ezami tal-akkuzi kif prodotti fil-konfront tal-imputati li l-imputati odjerni gew akkuzati fil-vesti taghhom bhala membri tal-kumitat tal-kazin Peace Band Club u ghalhekk fil-fehma tal-Prosekuzzjoni japplika l-**Artikolu 121D tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' r-responsabbiltà ta' korp maghqud ghal reati. Pero' l-**Artikolu 121D tal-Kap 9** jipprovdi li jkun hemm responsabilita' ghar-reati li jaqghu taht dak it-titolu u mhux ghal kull reat (u r-reati moghti fil-konfront tal-imputati ma jaqghux taht dak l-istess titolu). L-Artikolu 121D tal-Kap 9 jipprovdi s-segwenti:-

**121D. "***Meta l-persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dan it-titolu tkun id-direttur, il-manager, is-segretarju jew xi uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp magħqud jew tkun persuna li jkollha setgħa ta' rappreżentanza ta' tali korp jew ikollha awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità li teserċita kontroll fi ħdan dak il-korp u r-reat li dik il-persuna tkun instabet ħatja dwaru jkun sar għall-benefiċċju, sew f'parti sew għal kollox, ta'dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-finijiet ta' dan it-titolu titqies bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud*."

Il-Qorti hija tal-fehma li qabel ma tkompli tiddiskuti l-mertu tal-kaz ghandha l-ewwel tiddiskuti x'inhu dak li jikkostitwixxi responsabilita' kriminali. Il-kundizjonijiet generali ghar-responsabilita' kriminali huma ndikati b'mod précis fil-maxim legali "*actus non facit reum nisi mens sit rea*". Ghalhekk att wahdu ma jistax jigi meqjus bhala att kolpevoli jekk tali att mhux akkompanjat b'mens rea. Fi kliem iehor hemm zewg

kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti qabel ma jista' jinghad li hemm responsabilita' kriminali u cioe' dak l-att materjali maghruf bhal l-*actus reus* u l-element formali u cioe' l-mens rea.

L-att materjali huwa dak l-att maghmul minn individwu li jivvjola d-drittijet ta' terz. L-element formali huwa l-mens rea li ghandu jakkompanja dan l-att materjali. Ghalhekk huwa mehtieg li l-Qorti tqis l-intenzjoni doluza o meno tal-imputati f'dak li ghamlu jew naqsu li jaghmlu qabel ma l-Qorti tista' tasal sabiex tistabilixxi l-htija o meno, u dan ghaliex hemm cirkostanzi meta ma hemmx intenzjoni kriminuza ghalkemm l-att huwa kiefer u oggettivament hazin. Issa l-*mens* jinkludi zewg attitudni tal-malvivent u cioe' l-malvivent ikun responsabbli ghal dawk l-atti hziena li jaghmel b'mod intenzjonali fejn allura l-intenzjoni tieghu tkun wahda doluza u dik fejn il-malvivent ikun traskurat f'ghemilu u ghalhekk l- intenzjoni tieghu hija wahda a culpa. Huwa biss meta jkun hemm wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jista' jinghad li l-att materjali jkun akkompanjat bil-mens rea rikjesta mil-ligi u li l-element formali u materjali ta' reat jikkoncidu u dan ghaliex jekk m'hemmx *dolus* u ad dirittura lanqas *culpa* allura ma hemmx responsabilita kriminuza. L-intenzjoni b'mod generali hija l-iskop jew disinn li bih att jigi affettwat. Jinghad li att huwa ntenzjonat jekk jezisti fil-hsieb qabel ma jsehh.

**Holmes** fil-ktieb tieghu **Common Law** a fol. 53 jirrileva li:

"*intention resolves itself into two major issues - that of foresight and that of wish, desire.*"

Ghalhekk att huwa intenzjonat meta kull parti tieghu jikkorrispondi ghal hsieb precedenti li kien prezenti f'mohh l-agent u li bih gie realizzat l-att.

B'mod generali jinghad li huwa l-operat maghdud ta' intellett u volja.

Huwa car fil-ligi penali li l-kelma '*intenzjoni*'hija uzata f'sens usa u fil-fatt **Carrara** jiddefinixxi l-intenzjoni kriminuza dolus "*as the more or less perfect intention of doing an act which is known to be contrary to law*". Mhux necessarju li l-malvivent ikun jaf li qed jikser il-ligi izda minhabba l-principju *ignoratia iuris neminam excusat* izda li l-malvivent kien jaf li kien qed jaghmel xi haga hazina. Kif jghid l-awtur Inliz **Kenny** a fol. 39 tal-ktieb tieghu intitolat **Criminal Law** -

"*in all ordinary crimes the psychological element which is thus indispensable may be fairly accurately summed up as consisting simply in intending to do what you know to be illegal.*"

Dan l-element jirrikjedi:

1. *"the power of violation, i.e. that the offender must be able to help doing what he does;*
2. *knowledge - that what the offender is doing is wrong;*
3. *foresight of such circumstance*".

**Antolisei** fil-ktieb tieghu - **Manuale di diritto penale** - 1975 edition (fol 271) jghid li sabiex imputat jinsab hati ta' reat huwa essenzjali li jkun hemm l-ezistenza tad-*dolo*, *ex admisses* jghid:-

*a. "la rapresentazione o cioe' la visione anticipata dell fallo che costituisce il reato (momento conoscitivo o intelletuale);*

*b. la risoluzione seguita da uno sforzo del volere diretto alla realizzazione del fatto rappresentato (momento volitivo)".*

Issa fil-kaz in ezami l-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputati odjerni l-Qorti u akkuzathom bir-reati fuq imsemmija mhux ghaliex irrizultalha li l-imputati b'xi mod ippartecipaw fl-istivar jew naskondiment tal-isplussivi li nstabu fil-basement tal-kazin wara armarju izda sempliciment bhala membri tal-kumitat tal-banda tal-club. Zgur li fatt bhal dan mhux bizzejjed sabiex il-Qorti tippronunzja l-htija fil-konfront taghhom. Ma jirrizultax lill-Qorti li kien hemm xi imputat li kien jaf b'din il-mohba jew li ghamel xi att ta' kommissjoni fir-rigward ta' din il-mohba ghaliex lanqas access ma kellhom. Il-fatt li huma membri tal-kumitat tal-banda li mhix responsabbli ghan-nar jew armar tal-festa ma jfissirx li huma ghamlu xi att ta' ommissjoni ghaliex ma nvestigawx il-possibilita' ghalkemm remota li jkun hemm xi terz injot li jaghmel xi depozitu ta' tali splussivi fil-proprjeta' tal-kazin ad insaputa taghhom. Jidher bic-car li l-istivar sar *ad insaputa* taghhom minghajr il-kunsens esplicitu u/jew

tacitu taghhom u wara darhom u ghalhekk zgur li ma jistghux jinsabu responsabbli.

Illi ghalhekk japplika dak li jipprovdi **l-Artikolu 13 tal-Kap 249 tal-**ligijiet ta' Malta li jistabilixxi s-segwenti:-

*" Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat:*

*Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'Att li fih hemm disposizzjoni li tixbah id-disposizzjoni ta'dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta'dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara l-bidu fis-seħħ ta'dan l-Att*".

Ghalhekk stante li l-imputati pprovaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li r-reat sar minghajr it-taghrif taghhom u li huma ma naqsux mid-diligenza taghha fil-karigi rispettivi taghhom tiddikjara li r-reati ma jirrizultawx provati.

Illi d-difiza fit-trattazzjoni taghha ghamlet referenza ghaz-zewg verbali ndikati aktar il-fuq datati dsatax (19) ta' Settembru, 2013 u fis-sitta (6) ta' Dicembru 2013 u rapportati in succinct hawnhekk fejn gie verbalizzat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nikolai Sant ghall-Prosekuzzjoni u mill-avukati difensuri tal-imputati odjerni li wara li hadu konjizzjoni ulterjuri tal-atti processwali u wara li gietipprezentata n-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija li tinsab a fol. 385 u 386 tal-Process u wara konsultazzjonijiet mal-Avukat Generali, qablu li limitatament inkwantu jirrigwarda l-patrocinati taghhom fuq imsemmija ossia l-imputati odjerni, tista' tirrizulta reita biss fir-rigward tat-tielet imputazzjoni. Illi d-difiza sostniet li una volta l-prosekuzzjoni ntrabtet b'dawn il-verbali allura din il-Qorti kellha tabbraccjhom u tillibera lill-imputati minn l-akkuzi kollha salv it-tielet akkuza u dan abbazi ta' dawn il-verbali. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali u fil-fatt taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Giuseppa Taljana__** deciza fis-17 ta' Jannar 1993 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fejn inghad li "*Verbal tal-Qorti ghandu certament il-forza tieghu; izda jista` jkun hemm cirkustanzi li jivvulnerawh".* In oltre fis-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija Vs Toni Gatt__** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Jannar 1953 gie ritenut li:-

*"Dikjarazzjoni jew allegazzjoni maghmula, bil-forma jew bil-miktub mid-difensur, tista` tigi mregga` lura f'kull waqt tal-kawza; anki fl-appell. U ghalhekk, ghalkemm fl-iskritturi precedenti, u anki fir-rikors ta` l-appell, ikun saru allegazzjonijiet li jistghu talvolta jimpurtax awto-inkolpazzjoni tal-imputat, dawk id-dikjarazzjonijiet jew allegazzjonijiet jistghu jigu rtirati f'verbal quddiem il-Qorti, b'mod li l-kawza tigi deciza minghajr ma jitqiesu dawk id-dikjarazzjonijiet jew allegazzjonijiet*".

Abbazi ta' dak li ghadu kif gie mfisser fis-sentenza appena citata din il-Qorti hasset il-htiega li tezamina l-atti tal-kawza sabiex tara jekk taqbilx ma' dak dikjarat mill-partijiet qabel ma tabbracja l-istess verbal. F'dan l-istadju jinghad bla tlaqliq li din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel u t-tieni akkuza ma jirrizultawx.

Fir-rigward din it-tielet akkuza din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie verbalizzat mid-difiza fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Dicembru 2013 meta eccepiet il-preskrizzjoni trimestrali fir-rigward it-tielet imputazzjoni.

Illi din it-tielet akkuza naxxenti mill-**Artikolu 9 (1) tal-Kap 33** imsejha l-"Ordinanza Dwar l-Esplosivi" tipprovdi s-segwenti:- "*talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zammew ghal bejgh jew haznu porvli tal-isparar jew esplussivi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija*".

Illi f'kaz ta' htija l-piena aplikabbli huma z-zewg artikoli sussegwenti u cioe' **l-Artikolu 27 tal-Kap 33** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

**"***Kull min jikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' bejn sentejn u ħames snin jew multa ta'mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn ħamsa w għoxrin elf euro (€25,000) jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien*".

U **l-Artikolu 28 tal-Kap 33** tal-ligijiet ta’ Malta li jipprovdi:- “*L-istess piena jeħel kull min xjentement iħalli li fond, illi tiegħu jkun id-detentur jew ikollu l-ħsieb jew il-kustodja, jiġi wżat sabiex jinżammu jew jinħadmu fih porvli tal-isparar, esplożivi jew xogħlijiet tan-nar kontra d-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza*”.

Illi ghalhekk tali tielet akkuza mhix preskritta b’gheluq tat-tliet xhur kif sostniet id difiza ghaliex il-piena applikabbli huwa bejn sentejn u hames snin u ghalhekk tali difiza qed tigi rigettata pero’ tiddikjara li mhux qed issib lill-imputati hatja ta’ din it-tielet akkuza ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Illi ghar-rigward ir-raba’ akkuza u cioe’ li l-imputati gew akkuzati inizjalment li bhala persuni responsabbli mill-kazin Peace Band Club naqsu li jzommu l-osservanza tar-regolamenti dwar ir-registrazzjoni ta’ kazini, l-Avukat Generali ma kkwotax l-artikolu tal-ligi applikabbli ghal din l-akkuza u ghalhekk stante li ma gewx akkuzati biha bir-rinviju tal-Avukat Generali fejn baghat l-artikoli, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ tali akkuza.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi l-**Artikoli 17, 18, 23, 31, 313, 314 u 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 3 (1), 9, 27, 28, 29 (1), 33 (1), 40, 40B, 41 u 50 tal-Kapitolu 33, u l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249, tal-Ligijiet ta’ Malta,** tiddikjara li ma ssibx lill-imputati **VITTORIO GAUCI, CARMEL GRECH, LOUIS BUGEJA, EDWARD AZZOPARDI, MARY CHETCUTI, ANTHONY CAUCHI, JOSEPH MARTIN CAMILLERI, u**

**RAYMOND CHETCUTI** hatja ta' l-ewwel tlett akkuzi u tilliberahom minnha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' (4) akkuza stante li l-imputati ma gewx akkuzati biha fir-rinviju tal-Avukat Generali datat 6 ta' Jannar 2015.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez tal-esperti nominati fl-inkjesta ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 pero' stante li din il-Qorti mhux qed issib lill-imputati hatja ta' dawn l-akkuzi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------